



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.10.2006
KUMM(2006) 629 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2007

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

PROGRAMM LEĠIŻLATTIV U TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI 2007

1. INTRODUZZJONI

Fl-2007 l-Unjoni Ewropea se tiċċelebra l-ħamsin anniversarju tat-Trattati ta' Ruma. Ħamsin sena ta' kostruzzjoni Ewropea ġabu magħhom il-paċi, il-prosperità ekonomika u soċjali u l-istabbiltà, ibbażati fuq valuri u prinċipji komuni. L-Ewropa qed tinbidel: Hija se tilqa' żewġ Stat Membri ġodda, trid tiffaċċja l-effetti tal-globalizzazzjoni u tibni rwol ġdid fix-xena internazzjonali. L-aspettattivi taċ-ċittadini ta' l-UE żdiedu matul l-aħħar ħamsin sena. Dan huwa kemm għarfien tar-relevanza akbar ta' l-UE kif ukoll sfida għall-mexxejja kollha ta' l-Ewropa. Iċ-ċittadini ta' l-UE iridu jifhmu iktar x'tagħmel l-UE u kif tagħmlu. Iċ-ċittadini jridu li jkollhom vuċi f'dak li tagħmel l-UE. Huwa għalhekk li fl-2007 fil-ħamsin anniversarju tat-Trattati ta' Ruma, il-Kapijiet ta' Stat u Gvern flimkien mal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew se jerġġu jġeddu l-impenn Ewropew fid-Dikjarazzjoni ta' Berlin, biex jerġġu jimpenjaw ruħhom għal Ewropa ikbar, sostenibbli, miftuħa u kompetittiva, Ewropa għanja fil-kisbiet u fl-għanijiet politiċi.

L-2007 se tkun ukoll sena kruċjali biex jinstab arranġament istituzzjonali. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju li għadda ddefiniexxa proċess ċar u skeda, u l-presidenza li jmiss ser ikollha l-missjoni li tippreżenta rapport li jkun fih valutazzjoni ta' l-istat tad-diskussjonijiet fir-rigward tat-Trattat kostituzzjonali u li tesplora żviluppi ġodda. Il-Kummissjoni biħsiebha tipparteċipa bis-siġħ fil-proċess u għandha tikkoopera ma' l-istituzzjonijiet l-oħra, bl-għan li tikkontribwixxi għal arranġament istituzzjonali komplet.

Din il-Kummissjoni stabbiliet l-għanijiet strateġiċi tagħha fil-bidu tal-mandat tagħha: li tqiegħed l-Ewropa fit-triq tal-prosperità; li ssaħħa l-impenn tagħna lejn is-solidarjetà; li ssaħħa is-sigurtà taċ-ċittadini u, fl-aħħarnett, li ttipprogetta u tippromwovi dawn il-prijoritajiet lil hinn mill-fruntieri tagħna b'vuċi iktar soda fid-dinja.¹ Dawn l-għanijiet ikomplu jagħtu d-direzzjoni prinċipali għall-ħidma tal-Kummissjoni, u huma l-pedament għall-approċċ ta' partenarjat li huwa essenzjali għat-twettiq ta' l-oqsma ta' politika ambizzjużi f'dinja kumplessa.

Dawn iż-żewġ aġendi politiċi jikkumplementaw l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona għat-tkattir u l-impjiegi u l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli li reġġet għet ikkonfermata fil-Kunsill Ewropew f'Ġunju:

- Fil-Ħarifa 2005, l-Unjoni Ewropea qablet li tqiegħed il-globalizzazzjoni fiċ-ċentru ta' l-aġenda politika tagħha. F'Hampton Court, sett ta' oqsma ta' politika relatati ma' xulxin kienu identifikati bħala li jeħtieġu rispons Ewropew: ir-riċerka u l-iżvilupp, l-universitajiet, id-demografija, u l-enerġija, flimkien mas-sigurtà u rispons estern iktar effettiv.

¹ Ref. COM (2005) 12 finali

- F'Mejju ta' din is-sena, il-Kummissjoni ppreżentat strateġija fuq żewġ livelli maħsuba biex l-Ewropa timxi 'l quddiem, fid-dokument tagħha intitolat “Proġett għaċ-ċittadini: Il-kisba tar-riżultati għall-Ewropa”. Il-kwistjonijiet istituzzjonali u kostituzzjonali li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Ewropa ma jistgħux jitqegħdu f'ġenb wieħed – iżda jistgħu jiġu indirizzati b'mod parallel ma' aġenda politika attiva li tiffoka fuq dak li ċ-ċittadini jkunu qed jistennew u fuq il-bżonnijiet tagħhom. Riżultati konkreti għandhom ikabbru l-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew u jgħallqu l-kondizzjonijiet tajbin għal ftehim istituzzjonali ambizzjuż.

Is-sena li għaddiet l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha fit-triq li twettaq programm politiku ambizzjuż. L-Istrateġija ta' Liżbona reġgħet għet immedja u l-Kummissjoni wriet b'liema mod l-innovazzjoni tista' ssir it-termometru ta' l-ekonomija Ewropea – partikolarment fuq il-livell ta' l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni f'forma ta' Istitut Ewropew tat-Teknoloġija. Intlaħaq ftehim interistituzzjonali dwar il-qafas baġitarju għas-seba' snin li ġejjin u l-programmi finanzjarji l-ġodda se jibdeu fl-1 ta' Jannar 2007. Ir-reviżjoni ta' l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-UE, adottata mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju fuq il-bażi tal-proposta mill-Kummissjoni, tipprovdi metodu komprensiv fuq perjodu ta' żmien twil maħsub biex ipoġġi l-oqsma ta' politika ta' l-UE fi triq iktar sostenibbli. Il-*Green Paper* dwar il-politika ġdida dwar l-enerġija għall-Ewropa tinkludi proposti konkreti dwar l-aspetti interni u esterni tal-politika ta' l-enerġija li għandhom jiġu żviluppati bl-għan li jinkisbu s-sostenibbiltà, il-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija. Il-*Green Paper* dwar politika marittima futura għall-Unjoni nediet dibattitu dwar politika marittima tassew integrata li waqt li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-qasam marittimu, għandha tiftaħ possibbiltajiet ta' tkattir u ta' impjiegi li għadhom ma ġewx strumentalizzati. Id-dokument intitolat “L-Ewropa fid-Dinja” juri kif l-UE tista' ssemma' leħinha fid-dinja fuq livell kumpatibbli mas-saħħa ekonomika tagħha. Il-Kummissjoni issoktat bid-djalogu internazzjonali dwar ir-reġim futur internazzjonali tal-ġlied kontra t-tibdil fil-klima.

Dan il-Programm ta' Ħidma jfassal dak li se tagħmel il-Kummissjoni biex tilħaq l-għanijiet strateġiċi fl-2007. Il-Kummissjoni żviluppat il-programm għall-2007 billi ħadet vantaġġ mir-reazzjonijiet mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-Politika Strateġika Annwali għall-2007. Id-djalogu strutturat stabbilit taħt il-Ftehim Qafas bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni u r-“rapport fil-qosor” adottat mill-Konferenza tal-Presidenti kienu partikolarment prezzjużi u wrew kif l-għanijiet komuni jistgħu jiġu trasformati f'azzjonijiet konkreti u f'riżultati tanġibbli.

- Rigward il-**prosperità**, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-immodernizzar ta' l-ekonomija Ewropea permezz ta' l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona għat-tkattir u l-impjiegi, u suq intern dinamiku, b'sett ta' miżuri relatati biex jippromwovu l-għarfien, l-innovazzjoni u ambjent għat-tkattir. Dan jinkludi l-ħolqien ta' qafas Ewropew għall-immigranti ekonomiċi. Il-Kummissjoni se tmexxi l-inizjattivi li jippromwovi l-aspetti esterni tal-kompetittività stabbiliti fil-Komunikazzjoni tagħha ta' l-4 ta' Ottubru 2006 dwar l-“Ewropa Globali, nikkompetu fid-dinja”. L-enerġija se tkun fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni, bl-ewwel Analiżi Strateġika Ewropea ta' l-Enerġija li se tħabbar fażi ġdida fil-politika Ewropea ta' l-enerġija biex tgħin tindirizza l-bidla fil-klima. Il-Kummissjoni se tressaq il-perspettivi tagħha dwar kif biħsiebha twaqqaf politika marittima ġdida.
- Is-**solidarjetà**, il-ħarsien ta' l-ambjent, il-ġestjoni sostenibbli u l-użu tar-riżorsi naturali, u s-saħħa u l-ġid taċ-ċittadini jmorru id fid mat-tkattir u l-impjiegi. Il-fatt li l-2007 hija s-“Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Ugwali”, se jfakkar lill-Ewropej li l-aspett soċjali

huwa fil-qalba ta' kif taħdem l-Ewropa. Il-Kummissjoni se tevalwa s-sitwazzjoni soċjali fl-UE, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2006, b'enfażi partikolari fuq il-kwistjonijiet ta' aċċess u opportunità, bil-għan li jiġi stabbilit kunsens għdid dwar l-isfidi soċjali li qed tiffaċċja l-Ewropa. L-aġġornament ta' l-oqsma ta' politika biex jissodisfaw il-bżonnijiet tas-soċjetà Ewropea huwa pass prinċipali biex is-solidarjetà taħdem b'mod iktar effettiv. Il-Kummissjoni trid tkompli wkoll bil-politika dwar il-klima, bil-għan li titwessa' l-kooperazzjoni internazzjonali u biex jinkiseb iktar tnaqqis ta' l-emissjonijiet fl-Unjoni.

- L-azzjoni fuq il-livell Ewropew hija meħtieġa biex jiġi żgurat livell għoli ta' **sigurtà** u għustizzja, sikurezza u protezzjoni liċ-ċittadini meta l-Ewropa qed tiffaċċja riskji għodda. Ir-riskji ambjentali u ta' saħħa, mard li jittieħed u diżastri naturali, kif ukoll it-theddid mill-attakki terroristiċi jeħtieġu kapaċità ta' rispons rapidu u effettiv fuq il-livell ta' l-UE. L-infurzar tal-liġi u l-investigazzjoni kriminali madwar l-UE se jissoktaw fil-ġlieda tagħhom kontra l-kriminalità u l-vjolenza. Il-kontroll mal-fruntieri se jkun qasam prinċipali għall-azzjoni fl-2007, flimkien ma' l-estensjoni taż-Żona Schengen.
- Hemm bżonn li l-Ewropa tikkomunika **b'vuċi soda u indipendenti fid-dinja** biex tikseb l-għanijiet tagħha bħall-iżvilupp sostenibbli, l-ambjent globali, il-paċi, il-viċinat, il-kooperazzjoni u l-kompetittività esterna. Il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, kif ukoll kwalunkwe forma ta' kooperazzjoni li sserraħ fuq l-għarfien ibbażati fuq interess u vantaġġi reċiproċi huma partikolarment promettenti biex jitwettqu dawk l-għanijiet li l-Ewropa għandha bżonn biex ittejjeb il-koerenza u l-koordinazzjoni ta' l-azzjoni tal-Kummissjoni bil-ħidma ta' l-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra u b'dik ta' l-Istati Membri. Bl-istess mod, l-oqsma ta' politika esterni tal-Komunità u l-aspetti esterni ta' l-oqsma ta' politika interni għandhom jaħdmu flimkien aħjar.

Programm ta' Ħidma ffukat aħjar fuq il-ġejjieni

Din is-sena, il-Kummissjoni qed tipproponi li tiegħu pass ieħor fl-iżvilupp tal-Programm ta' Ħidma. L-għan hu li l-Programm ta' Ħidma jkun riflessjoni ffukata aħjar fuq il-prijoritajiet għas-sena li ġejja; biex id-diskussjonijiet interistituzzjonali dwar il-prijoritajiet futuri jkunu iktar konkreti; u biex tenfasizza l-messaġġ li l-azzjonijiet favur ir-regolamentazzjoni mtejbja jagħmlu parti sħiħa mill-ħidmiet tal-Kummissjoni. Dan ifisser oqsma ta' politika mmirati sew, li jindirizzaw kwistjonijiet fejn l-Ewropa tista' twassal benefiċċji reali. Il-Kummissjoni għażlet li tippreżenta lista qasira ta' inizjattivi strateġiċi, magħżula minħabba r-relevanza politika tagħhom u l-istadju avvanzat ta' preparazzjoni. Il-Kummissjoni hija marbuta li tadotta dawn il-miżuri s-sena d-dieħla, u dawn mhux se jkunu soġġetti għal analiżi f'nofs il-perjodu.

Fid-dawl ta' dan, il-Programm ta' Ħidma jippreżenta l-azzjonijiet konkreti li huma fil-qalba ta' l-azzjoni politika tal-Kummissjoni fl-2007 – l-inizjattivi strateġiċi tal-Kummissjoni. Lista ddettaljata tinsab fl-Anness. Barra minn dan, il-Kummissjoni intrabtet li tiżviluppa serje ta' inizjattivi prijoritarji, li għandhom jiġu adottati matul it-12 sa t-18-il xahar li ġejjin, skond l-importanza u l-intensità tal-preparazzjoni meħtieġa. Lista ddettaljata bl-oqsma fejn il-Kummissjoni biħsiebha tiżviluppa inizjattivi prijoritarji tinsab fl-Anness.

Fl-elaborazzjoni tal-listi ta' inizjattivi strateġiċi u prijoritarji, il-Kummissjoni ħadet f'kunsiderazzjoni d-djalogu li kellha, partikolarment mal-Parlament Ewropew, mill-adozzjoni ta' l-Istrateġija Politika Annwali għall-2007. Il-Kummissjoni hija lesta li tisma' l-opinjonijiet espressi mill-Istituzzjonijiet l-oħra dwar il-programm ta' ħidma tagħha.

Il-Kummissjoni ntrabtet li tiżgura l-kwalità tal-proposti tagħha. Għandha ssir valutazzjoni ta' l-impatt għall-inizjattivi suxxettibbli li jkollhom impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali sinifikanti. Għalhekk, il-punti kollha meqjusin bħala "inizjattivi strateġiċi" jew "inizjattivi prijoritarji" għandhom ikunu s-suġġett ta' valutazzjoni ta' l-impatt. Il-*Green Papers*, il-miżuri dwar id-Djalogu Soċjali, rapporti ta' konverġenza, u traspożizzjoni ta' ftehim internazzjonali huma eżentati minn dan l-obbligu. Il-proposti mressqa fl-Annessi kienu jew huma s-suġġett ta' konsultazzjoni pubblika wiesgħa, biex ikun żgurat li ċ-ċittadini u l-partijiet interessati kollha jkunu involuti b'mod sħiħ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Jistgħu jiġu applikati wkoll proċeduri ta' valutazzjonijiet ta' l-impatt għal punti oħra li ma jinstabux fil-Programm ta' Ħidma. Il-modalitajiet għall-għażla ta' dawn il-punti addizzjonali għandhom ikunu stabbiliti fil-kuntest tal-ħolqien ta' l-entità ġdida responsabbli mill-appoġġ u mill-kontroll kwalitattiv tal-valutazzjoni ta' l-impatt, li għandha taħdem taħt l-awtorità diretta tal-President.

Ix-xahar id-dieħel, il-Kummissjoni għandha tadotta reviżjoni strateġika ta' l-attivitajiet tagħha dwar ir-Regolamentazzjoni mtejbja, billi tenfasizza l-progress li sar s'issa u billi tidentifika inizjattivi ġodda. Dan il-Programm ta' Ħidma jiffoka fuq il-pjanijiet ta' simplifikazzjoni li ġejjin, u jippreżenta wkoll miżuri li għadhom qed jiġu elaborati.

2. IL-PRIJORITAJIET GĦALL-2007

L-immodernizzar ta' l-ekonomija Ewropea

L-istrateġija fundamentali tal-Kummissjoni biex tippromwovi t-tkattir sostenibbli u l-impjiegi f'Ewropa dinamika, innovattiva u attraenti issa hija stabbilita sew. Minn mindu kienu ppreżentati l-programmi nazzjonali, l-istrateġija ta' Liżbona għat-tkattir u l-impjiegi daħlet f'fażi ġdida u hemm impenn komuni favur it-tkomplija tal-programm ta' riforma, bl-azzjonijiet ta' l-UE li jikkumplementaw l-isforzi nazzjonali, reġjonali u lokali. Ir-rapport annwali ta' segwitu tal-Kummissjoni għall-2007 li jikkonċerna l-Kunsill Ewropew tal-Ħarifa dwar l-istrateġija riveduta ta' Liżbona għat-tkattir u l-impjiegi għandu jiġi adottat qabel l-aħħar ta' l-2006, għalhekk l-azzjonijiet ta' segwitu se jkollhom importanza partikolari fl-2007. Il-kunsens fuq l-innovazzjoni milħuq fil-Kunsill Ewropew f'Lahti se jiffoka fuq il-miżuri adottati fuq il-livell Ewropew, nazzjonali u lokali biex jistimolaw l-innovazzjoni fis-setturi kollha ta' l-ekonomija.

Il-globalizzazzjoni, it-tkabbir u l-progress teknoloġiku kollha kemm huma bidlu r-regoli tal-logħba u qed jippreżentaw sfidi u opportunitajiet ġodda għas-suq intern. Bħalissa l-Kummissjoni qed tagħmel *Rieżami tas-Suq Uniku*, biex tħares lejn il-kisbiet li saru s'issa, tidentifika l-lakuni li għandhom jimtlew u biex tippromwovi azzjoni biex jingħelbu l-isfidi fil-futur u biex ikun żgurat li ċ-ċittadini jibbenefikaw b'mod effettiv mill-vantaġġi. Il-pubblikazzjoni ta' dan ir-rieżami għandha tiddetermina l-kuntest għas-Suq Uniku fl-għaxar snin li ġejjin.

Bit-tkomplija tal-politika li tħares lejn is-setturi fejn is-Suq Intern mhux stabbilit b'mod sħiħ, wieħed mill-għanijiet prinċipali fl-2007 se jkun *id-difiża ta' l-industriji u s-swieq*, fejn il-bżonn tar-rispett tad-domandi ta' sigurtà nazzjonali żammew lil dawn l-industriji 'l bogħod mill-ħruxija tal-kompetizzjoni tas-suq intern. Il-Kummissjoni se tesplora kif id-dimensjoni Ewropea tista' tgħin tindirizza l-frammentazzjoni tas-suq.

Matul dawn l-aħħar snin, l-UE għaddiet minn riforma kbira fis-swieq agrikoli. Dan il-proċess ikompli bil-proposti għal *settur ta' l-inbid*, iddisinjat biex jiggarantixxi futur ta' suċċess għal industrija fejn l-Ewropa għandu jkollha vantaġġ kompetittiv reali.

Is-suq intern għandu wkoll impatt fuq is-settur ta' l-ispazju li qed jiżviluppa malajr. *Politika Ewropea ta' l-Ispazju* hija meħtieġa biex ttipprovdi qafas għall-utenti u għal daww li jiżviluppaw it-teknoloġiji ta' l-ispazju u biex tiżgura li l-oqsma ta' politika ta' l-UE jikkunsidraw din id-dimensjoni.

Il-proċess ta' konsultazzjoni dwar il-*Green Paper* dwar il-politika marittima futura għall-Unjoni għandu jntemm f'Ġunju 2007. Imbagħad il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-riżultati ta' din il-konsultazzjoni inklużi l-konklużjonijiet u l-azzjonijiet politiċi li jistgħu jiġu implimentati fi żmien qrib.

Is-Slovenja se tingħaqad mal-Eurozone fl-2007. Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta kemm l-Istati Membri huma lesti li jadottaw l-euro permezz ta' deroga u għandha tibda l-preparamenti prattiċi mal-pajjiżi li jilhqgħu l-kriterji għall-introduzzjoni ta' l-euro fl-2008.

Nindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà Ewropea

Fil-qalba ta' l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini Ewropej, partikolarment taż-żgħażaġh Ewropej, hemm it-tneħħija ta' l-ostakoli għall-opportunitajiet offriti mis-swieq tax-xogħol Ewropej. Il-*"Flessigurtà"* ġiet rikonoxxuta bħala sistema promettenti li tgħaqqad flimkien il-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol u l-iżvilupp ta' kompetenzi ma' protezzjoni soċjali b'saħħitha. Il-Kummissjoni se tressaq proposti li jinkuraġġixxu l-prinċipji komuni biex jistimulaw il-*flessigurtà*.

Il-Kummissjoni qed taħdem biex tagħmel *rendikont globali tas-soċjetà Ewropea*, li għandu jservi bħala bażi għal aġenda ġdida għall-aċċess u s-solidarjetà u għall-elaborazzjoni ta' l-oqsma ta' politika Ewropej għall-għaxar snin li ġejjin. Bħala parti minn dan l-eżerċizzju, il-Kummissjoni se tippreżenta reviżjoni f'nofs il-mandat ta' l-implimentazzjoni ta' l-Aġenda Soċjali tagħha bil-għan li tevalwa l-kisbiet ta' l-UE f'dak li għandu x'jaqşam mal-ħolqien ta' iktar impjiegi ta' kwalità aħjar u ma' l-opportunitajiet uguali għal kulħadd.

Ġestjoni aħjar tal-flussi migratorji

Il-persjonijiet ġeografiċi żiedu mal-bżonn għal suq tax-xogħol Ewropew biex jiġbed lejha immigranti ekonomiċi. Reġim Ewropew għall-*immigranti ekonomiċi* għandu jagħtihom statut legali sikur billi jiċċara r-regoli u d-drittijiet li għandhom igawdu. Is-sitwazzjoni ta' *immigranti li għandhom kwalifiki għoljin* għandha tingħata attenzjoni speċifika, billi jitħaffef ir-rispons għall-bidliet fil-bżonnijiet, li jista' jseħħ permezz ta' reġim bħal dak tal-*"karta l-ħadra"*.

Prinċipju importanti ta' l-istrateġija ta' l-UE fil-qasam ta' l-immigrazzjoni għandu jkun proposta dwar sanzjonijiet minimi għal min iħaddem b'mod illegali lil ċittadini minn pajjiżi terzi, sabiex jonqsu kemm l-immigrazzjoni illegali u l-isfruttar ta' dawn il-ħaddiema. Fil-qasam ta' l-ażil, il-Kummissjoni se tistimula djalogu mal-partijiet interessati kollha involuti bil-għan li sa l-2010 titlesta l-Politika Komuni Ewropa dwar l-Ażil.

Enerġija sikura, kompetittiva u sostenibbli

It-tema ta' l-enerġija telgħet fil-quċċata tal-prijoritajiet fl-aġenda. Wara perjodu twil ta' stabbiltà relattiva, provvisti ta' l-enerġija sikuri u bi prezzijiet li jlaħħaq magħhom kulħadd ma jistgħux jibqgħu jitqiesu bħala fatt. Fl-istess ħin, il-ħtieġa assoluta li tiġi indirizzata l-bidla fil-klima titlob approċċ differenti għall-użu ta' l-enerġija u għall-produzzjoni ta' l-enerġija. Id-dipendenza li kull ma jmur dejjem tiżdied fuq l-importazzjoni u l-prezzijiet oġhla ta' l-enerġija huma meqjusa bħala sinjal għall-futur. Rispons Ewropew biss, ibbażat fuq is-sostenibbiltà, il-kompetittività, l-effiċjenza ta' l-enerġija u s-sigurtà, jista' jindirizza sfida ta' dan id-daqs.

Il-Kummissjoni se tippreżenta l-ewwel *Analiżi Strateġika ta' l-Enerġija* għall-Ewropa, metodu komprensiv akkumpanjat bi Pjan ta' Azzjoni b'azzjonijiet individwali għall-iżvilupp ta' politika ta' l-enerġija ta' l-UE. Din għandha titfa' l-bażi għal approċċ fuq perjodu ta' żmien twil biex ittejjeb is-suq intern, biex tħaffef l-użu tat-teknoloġiji ġodda, biex tiddiversifika u tassigura l-provvisti minn ġewwa u minn barra l-UE, biex tikkontrolla d-domanda u tippromwovi l-effiċjenza ta' l-enerġija. B'mod parallel, il-Kummissjoni se tressaq *Green Paper* dwar l-għażliet possibbli tal-politika dwar it-tibdil fil-klima ta' l-UE u l-perspettivi għall-kooperazzjoni internazzjonali wara l-2012. Din għandha tipproponi wkoll miżuri biex tassigura t-tkomplija ta' *suq intern għall-elettriku u l-gass*. Għandu jkun hemm ukoll reviżjoni ta' l-*Iskema ta' l-Iskambju tal-Kwoti ta' l-Emissjonijiet* ta' l-UE biex tkun garantita stabbiltà għall-investimenti u biex jitħaffef ir-ritmu tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra.

Ir-riżultat għandu jipprovdi viżjoni ċara ta' dak li hemm bżonn isir fl-Ewropa biex tkun żgurata l-provvista ta' l-enerġija fuq perjodu ta' żmien twil għaċ-ċittadini u għandu jwassal biex id-dinja tkun konxja dwar il-bidla fil-klima.

Nagħmlu l-Ewropa post aħjar biex ngħixu

Il-politika pubblika Ewropea jista' jkollha influwenza reali biex tgħin liċ-ċittadini jantiċipaw u jirreaġixxu għal soċjetà li qed tinbidel malajr. Biex tiffunzjona sew, għandha tkun aġġornata u attenta perfettament għall-bżonnijiet tas-soċjetà moderna. L-aspetti fundamentali tal-ġid tal-persuni huma s-saħħa u s-servizzi li jistgħu joqgħodu fuqhom. *White Paper* dwar l-istrateġija dwar is-saħħa għandha turi kif il-livell Ewropew jista' jikkontribwixxi għas-saħħa u kif jista' jsawwar politika tas-saħħa fl-Ewropa bl-aħjar mod quddiem il-ġlieda kontra l-isfidi ppreżentati bil-pandemiji, it-tisħiħ tas-sigurtà alimentari u l-promozzjoni tas-saħħa u tal-kompetittività futura. Għandha wkoll tiġi implimentata strateġija Ewropea fil-qasam tas-servizzi soċjali, billi tibbaża fuq proċess ta' konsultazzjoni wiesa' dwar l-impatt tal-liġi Ewropea f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni se tinteressa ruħha wkoll fil-mod kif l-UE tista' tikkontribwixxi biex ittejjeb it-*trasport urban*, li jintuża minn miljuni ta' Ewropej kuljum.

Is-sigurtà hija wkoll importanti għall-ġid Ewropew. Il-miżuri maħsuba biex *jiġġieldu kontra t-terroriżmu* għandhom jiffukaw fuq il-ġlieda kontra l-propaganda terrorista u l-limitazzjoni tat-trażmissjoni ta' l-għarfien espert – bħall-isplussivi – għal finijiet terroristiċi. Għandu jiġi adottat Pjan ta' Azzjoni dwar it-tisħiħ tas-sigurtà ta' l-isplussivi. Il-Kummissjoni għandha tiffoka wkoll ix-xogħol tagħha fuq il-ġlieda kontra l-kriminalità elettronika u fuq it-tkattir tad-djalogu pubbliku-privat u l-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà.

Ewropa bħala msieħba mondjali

Bl-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, l-2007 se tkun sena b'pass importanti ieħor fil-proċess storiku tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea. Id-dokument annwali dwar l-istrateġija għat-tkabbir għandu jipprovdi rendikont u valutazzjoni tal-progress li sar mill-bqija tal-pajjiżi kandidati fil-proċess tat-tkabbir, li jfassal it-triq 'il quddiem.

L-Ewropa hija diġà stabbilita bħala l-ikbar setgħa kummerċjali fid-dinja. Is-swieq tagħha joffru opportunitajiet u għażla kbira ta' prodotti u servizzi lill-imsieħba mondjali tagħha fil-qasam ta' l-iskambji u l-investimenti sostenibbli. *Strateġija* mġedda għall-aċċess għas-suq għandha tgħin tindirizza l-ostakoli marbuta mar-relazzjonijiet kummerċjali u għandha toħloq perspettivi ġodda għall-kummerċ u l-investment fuq il-livell internazzjonali, waqt li tagħti kont tal-kompetittività, tat-tħassib soċjali u ambjentali.

Matul is-sena d-dieħla, għan prinċipali tal-Kummissjoni għandu jkun li jingħelbu l-ostakoli għal ftehim fiċ-Ċiklu ta' Doha għall-Iżvilupp. Dan jibqa' ċentrali għas-saħħa ta' l-ekonomija globali. Fl-istess ħin, l-UE għandha timplimenta l-Komunikazzjoni dwar l-Ewropa kompetittiva f'ekonomija globalizzata biex tippromwovi politika dinamika ta' kompetittività esterna u kooperazzjoni biex ittejjeb ir-relazzjonijiet kummerċjali ma' l-imsieħba prinċipali u biex tiżgura li d-dimensjoni esterna tikkontribwixxi għat-tkattir fl-Ewropa.

In-negozjati dwar il-Ftehim ta' Partenarjat Ekonomiku, li jirrappreżentaw bażi għall-integrazzjoni reġjonali tal-pajjiżi AKP u għall-iżvilupp tagħhom, se jkunu konklużi sa l-aħħar ta' l-2007.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, lin-negozjat tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ma' diversi msieħba strateġiċi prinċipali fl-Ażja u l-Amerika Latina, kif ukoll lill-progress fin-negozjati ma' l-imsieħba strateġiċi bħar-Russja, iċ-Ċina u l-Ukrajna. L-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà se titkompla, partikolarment fil-qasam tas-sigurtà tal-bniedem. Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi ta' stabbilizzazzjoni fil-Lvant Nofsani u fin-Nofsinhar ta' l-Ażja. Se taħdem ukoll biex issaħħaħ iktar ir-rabtiet transatlantiċi.

Kull sena, miljuni ta' Ewropej jivvjaġġaw madwar id-dinja kollha. Dawn għandhom bżonn ta' protezzjoni u appoġġ meta jinsabu f'diffikultà. Id-drittijiet tagħhom għal-*protezzjoni diplomatika u konsulari* bħala ċittadini ta' l-UE għandhom ikunu ċari u u jkunu jistgħu jeżerċitawhom kull meta jkollhom bżonn.

3. L-IMPLIMENTAZZJONI: MISSJONI TA' KULJUM

Azzjonijiet ġodda orjentati lejn il-prijoritajiet politiċi huma biss aspett wieħed tal-ħidma tal-Kummissjoni. Matul is-sena, il-Kummissjoni tibqa' responsabbli għall-ġestjoni finanzjarja u tal-programmi operattivi, fi ħdan l-Ewropa u madwar id-dinja. Għandha responsabbiltà diretta għall-ġestjoni ta' serje ta' oqsma ta' politika komuni kumplessi u biex tiżgura l-applikazzjoni xierqa ta' l-acquis. Għandha rwol speċjali bħala gwardjana ta' l-interess komuni Ewropew. Il-Kummissjoni se tintensifika l-isforzi tagħha biex tikkomunika ma' ċittadini Ewropej u biex tispjega l-proġett Ewropew.

Funzjonijiet ta' ġestjoni

L-2007 se tkun ikkaratterizzata bit-tnedija ta' serje estensiva ta' programmi ta' finanzjament ġodda fil-kuntest tal-Perspettivi Finanzjarji l-ġodda. Dawn jinkludu sett sħiħ ta' programmi ġodda fil-politika ta' koeżjoni, fl-impjiegi u fis-solidarjetà soċjali, partikolarment il-Fond Ewropew tal-Globalizzazzjoni, u fl-iżvilupp rurali u s-sajd. Fl-2007, 27 qafas ta' referenza strateġika nazzjonali għandu jkun ffinalizzat u madwar 360 programm operattiv fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni għandhom ikunu approvati. Bl-istess mod, għall-iżvilupp rurali qed jiġu ffinalizzati 27 pjan għal strateġiji nazzjonali u għandhom jiġu adottati madwar 80 programm fl-2007. Id-definizzjoni u t-tnedija tal-ġenerazzjoni ġdida ta' programmi għandhom jassiguraw il-kontribuzzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni u l-oqsma ta' politika ta' l-iżvilupp rurali lill-modernizzazzjoni ekonomika ta' l-Unjoni u l-istrateġija tal-Kummissjoni għat-tkattir u l-ħolqien ta' iktar impjiegi ta' kwalità aħjar permezz ta' l-infiq ta' koeżjoni kwalifikat bħala "relatat ma' Liżbona". Hemm ukoll miżuri li jstimulaw il-kompetittività bħas-seba' programm-qafas dwar ir-riċerka, il-Programm-Qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), il-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja u n-networks tranż-Ewropej;

Dawn il-programmi, li jikkumplementaw l-attività leġislattiva ta' l-Unjoni, jipprovdu qafas politiku koerenti għall-azzjoni ta' l-UE f'oqsma ta' tħassib prinċipali liċ-ċittadini ta' l-UE u jikkontribwixxu biex jitlaħqu l-erba' għanijiet strateġiċi tal-Kummissjoni. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qed tara l-ħin kollu li twettaq il-missjonijiet tagħha li għaddejjin bħall-iżgurar ta' l-implimentazzjoni xierqa tar-riforma fil-Politika Agrikola Komuni (CAP) u ż-żieda fil-kompetittività fis-swieq agrikoli. Qed isiru sforzi kontinwi mis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni biex toġhla l-kwalità tal-programmi u l-proġetti li huma ffinanzjati mill-UE, għan li jkopri wkoll il-ħidma li tippromwovi l-ġestjoni finanzjarja affidabbli u l-aqwa valur għall-flus. Dawn il-programmi jikkontribwixxu wkoll għall-integrazzjoni mingħajr skossi ta' l-Istati Membri l-ġodda u għalhekk jgħinu lill-UE biex tkompli tagħmel suċċess minn kull tkabbir. Fl-istess waqt, programmi adottati reċentement għandhom jinfirxu wkoll lil hinn mill-fruntieri tagħna, bħall-Istrument ta' Pre-Adeżjoni jew bħall-Istrument Ewropew tal-Viċinat u l-Partenarjat. Barra minn dan, sett ġdid ta' strumenti ta' politika esterna għandhom ikunu introdotti biex jippromwovu l-iżvilupp u l-kooperazzjoni u biex iwasslu l-ġhajjnuna esterna f'iktar minn 150 pajjiż madwar id-dinja, biex ikunu jistgħu jiffaċċjaw it-theddid għas-sigurtà jew biex jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

Il-Ġestjoni ta' l-acquis Komunitarju

Ir-rwol tal-Kummissjoni ma jiqafx ma' l-adozzjoni ta' proposta mill-Membri tal-Kummissjoni. Din tipparteċipa b'mod attiv fit-tfassil tal-miżuri li finalment jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri, billi taġixxi bħala medjatur bejn l-istituzzjonijiet biex jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet biex iservu l-interess ġenerali ta' l-Unjoni.

Il-Kummissjoni torjenta u tipprepara wkoll ix-xogħol ta' ħafna Kumitati billi tagħti għarfien espert minn madwar l-UE, billi tagħmel il-proċess regolatorju għal-leġislazzjoni tal-KE iktar effettiv u trasparenti permezz ta' kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet ta' superviżjoni. Din is-sistema tippermetti lill-UE biex twieġeb iktar malajr u b'mod iktar flessibbli għall-iżviluppi u l-faċilitajiet ta' reviżjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni dettaljati fejn meħtieġ. Regoli ġodda għal din is-sistema ta' "komitoloġija" għandhom iżidu l-parteeipazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-proċess regolatorju. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-atti leġislattivi adottati taħt il-proċedura ta' kodeċiżjoni li jistgħu jkunu soġġetti għal "proċedura regolatorja ġdida bi

skrutinju” u għandha temenda, kif miftiehem, il-proċedura ta’ informazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-funzjonijiet ta’ reġistrazzjoni.

Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-monitoraġġ ta’ l-implimentazzjoni u l-infurzar ta’ l-*acquis* mill-Istati Membri. Għal dan il-għan hija tiżgura li l-implimentazzjoni tal-liġi tal-KE tiġi implimentata tajjeb fl-Istati Membri kollha. Dawn l-attivitajiet ta’ monitoraġġ jistgħu jwasslu, meta jkun hemm bżonn, għal proċeduri ta’ infrazzjoni kontra dawk l-Istati Membri li ma jkunux qed jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-KE. Is-sena li għaddiet, il-Kummissjoni għamlet rieżami tal-pożizzjoni rigward l-applikazzjoni tal-Liġi tal-Komunità. Ir-riżoluzzjoni adottata mill-Parlament dwar din il-kwistjoni fil-pakkett tar-Regolamentazzjoni Mtejba ttieħdet f’kunsiderazzjoni f’dan l-eżami. Il-Kummissjoni qed tipprepara biex tħabbar l-intenzjonijiet tagħha fid-dokument ta’ eżami strateġiku għar-Regolamentazzjoni Mtejba, ippjanat li jkun adottat f’Novembru.

L-iżgurar tat-tħaddim tajjeb ta’ l-oqsma ta’ politika

Waħda mill-missjonijiet ċentrali tal-Kummissjoni dejjem kienet li tippromwovi attivament l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta’ l-UE. L-istrateġija riveduta ta’ Liżbona hija eżempju ta’ dan. L-istrateġija hija bbażata fuq kunsens sod, iżda fil-qalba ta’ l-istrateġija hemm rikonossiment li l-governanza tajba hija meħtieġa biex l-istrateġija tkun ġenwinament effettiva. Dan ifisser partenarjat. L-Istati Membri ntrabtu li jimplimentaw il-programmi ta’ riforma nazzjonali tagħhom, iżda l-Kummissjoni ttipprovdi rwol prinċipali ta’ monitoraġġ f’kull stadju, waqt li timplimenta serje ta’ azzjonijiet diretti fuq il-livell ta’ l-UE. Din ir-relazzjoni dinamika hija essenzjali biex l-aspirazzjonijiet politiċi jkunu tradotti f’azzjoni konkreta.

F’hafta oqsma, il-Kummissjoni nġhatat il-missjoni li timmonitorja l-progress. Rendikonti annwali f’oqsma bħall-protezzjoni ekonomika u soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi jippermettu li l-politika tkun irfinuta fejn ikun hemm bżonn. Evalwazzjonijiet fuq perjodu ta’ żmien twil jippermettu direzzjonijiet ġodda. Pereżempju, fl-2007, il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport fuq il-Pjan ta’ Azzjoni dwar it-Teknoloġija ta’ l-Ambjent, u l-Fond ta’ Solidarjetà ta’ l-Unjoni Ewropea għall-appoġġ f’każ ta’ diżastri. Se ssir ukoll evalwazzjoni f’nofs il-mandat kemm tal-politika industrijali u tal-politika moderna ta’ l-SME. Se tkun immedja s-Sistema ta’ Informazzjoni Ambjentali Kondiviża (SEIS), li ttipprovdi informazzjoni ambjentali prinċipali lil firxa ta’ utenti, pereżempju biex tgħin fl-ippjanar urban. Fl-2007, ir-rapport annwali dwar l-Impjiegi fl-Ewropa għandu jirrevedi l-iżviluppi fis-swieq tax-xogħol, u b’hekk jimmarka l-għaxar anniversarju ta’ l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi u se jkun inniedi ċiklu ġdid tal-metodu miftuħ ta’ koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni soċjali.

Monitoraġġ dettaljat isir ukoll permezz ta’ mekkaniżmi ġodda stabbiliti għal raġunijiet definiti. Osservatorju Ewropew tas-swieq ta’ l-Enerġija għandu jkun stabbilit fl-2007, inizjalment għas-swieq ta’ l-elettriku, il-gass u ż-żejt, b’estensjoni possibbli għal komoditajiet oħra fi stadju iktar tard. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll bl-ispezzjonijiet tas-sigurtà nukleari, ta’ l-avjazzjoni u marittima li hija responsabbli għalihom.

Aspetti internazzjonali

Il-Kummissjoni għandha rwol prinċipali fin-negożjati internazzjonali dejjem għaddejjin. Il-KE hija firmatarja ta' ċertu numru ta' ftehim internazzjonali. Ir-rwol ta' negożjatur tal-Kummissjoni jkompli jikber hekk kif l-għanijiet taħt il-varji Konvenzjonijiet jevolvu. L-oqsma prinċipali jinkludu l-ambjent (partikolarment il-bidla fil-klima u l-biodiversità), l-agrikoltura, is-sajd, il-kummerċ u l-proprjetà intellettwali. Il-Kummissjoni tmexxi wkoll djalogu f'dak li għandu x'jaqsam mar-regolamentazzjoni ma' l-imsieħba prinċipali, inkluża ċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, ir-Russja, il-Brażil, l-Messiku u l-Istati Uniti. Dawn huma għodod utli biex ikunu evitati l-kunflitti regolatorji, iżidu l-kooperazzjoni ma' ġurisdizzjonijiet oħra u jgħinu biex jippromwovu l-istandards regolatorji ta' l-UE fid-dinja, biex b'hekk jantiċipaw l-impatt tal-globalizzazzjoni.

Inqarrbu liċ-ċittadini lejn l-Ewropa

Wieħed mill-għanijiet fundamentali tal-Kummissjoni hu li l-oqsma ta' politika ta' l-UE jkunu miftiehma u jkunu rilevanti għaċ-ċittadini. Dan jinkludi impenn mill-Kummissjoni li tisma' liċ-ċittadini u taġixxi, u li ssir iktar responsabbli, trasparenti u effettiva. Djalogu msaħħaħ maċ-ċittadini jeħtieġ mezzi xierqa u sforz kontinwu mill-istituzzjonijiet ta' l-UE kollha f'termini ta' demokrazija, djalogu u dibattitu, bħal fil-Pjan D. Il-Kummissjoni se tkompli ttipprova tinvolvi aħjar liċ-ċittadini fil-proċess ta' politika fil-livelli kollha, partikolarment iż-żgħażaġh u n-nisa. L-isfida hi li titjeb l-idea li għandhom iċ-ċittadini dwar l-UE, l-għarfien dwar l-UE, u l-interess fl-UE. Il-Kummissjoni se tkompli tibni partenarjat operattiv u li jagħti l-frott ma' l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u mas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri kif ukoll mal-partijiet interessati inklużi l-mezzi tax-xandir.

Il-Kummissjoni nediet inizzjattiva ġdida prinċipali biex tiżviluppa l-parteċipazzjoni fl-Ewropa permezz tal-*White Paper* dwar il-Komunikazzjoni. Is-sena d-dieħla, din il-ħidma se tidħol f'fażi ġdida, b'aġenda ta' passi prattiċi mill-istituzzjonijiet ta' l-UE, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili, u se tenfasizza l-impenn tal-Kummissjoni li tqarreb liċ-ċittadini lejha.

Il-Kummissjoni qegħdet il-komunikazzjoni bħala wieħed mill-għanijiet strateġiċi għall-mandat tagħha u għarfet li impenn imġedded li tikkomunika maċ-ċittadini fl-Ewropa huwa ta' importanza vitali. Fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha ta' l-2005 biex ittejjeb il-komunikazzjoni dwar l-Ewropa, il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li tiffoka fuq prijoritajiet essenzjali. Minn naħa waħda hemm il-prijoritajiet politiċi, u minnaħa l-oħra trid tifhem tajjeb u fil-fond l-interessi u t-ħassib ta-ċittadini. Is-sena d-dieħla, il-Kummissjoni se tikkonċentra l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħha fuq il-prijoritajiet stipulati fl-Anness, li ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-prijoritajiet politiċi stipulati f'dan il-programm ta' ħidma.

Waqt li se tikkonċentra l-isforzi u r-riżorsi tagħha fuq il-prijoritajiet prinċipali, il-Kummissjoni se tkompli tintensifika l-isforzi tagħha biex ikun hemm aktar komunikazzjoni fl-Ewropa fl-oqsma ta' politika kollha.

4. **REGOLAMENTAZZJONI MTEJBA: SIMPLIFIKAZZJONI, KODIFIKAZZJONI, RTIRAR TA' PROPOSTI U VALUTAZZJONI TA' L-ISPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI**

L-għan tas-simplifikazzjoni u l-immodernizzar ta' l-ambjent regolatorju fl-Ewropa huwa ċentrali għall-ħidma tal-Kummissjoni. It-twettiq ta' dawn l-għanijiet transversali wassal lill-Kummissjoni biex tiżviluppa u timplimenta programm ambizzjuż ta' Regolamentazzjoni Mtejba, biex tikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-għanijiet ta' Liżbona għat-tkattir u l-impjiegi.

Din il-prijorità se tkun riflessa kemm fil-preparazzjoni u fl-iddisinnjar ta' l-inizjattivi tal-programm ta' ħidma tagħha kif ukoll fl-inizjattivi biex tissimplifika l-leġiżlazzjoni eżistenti. Il-Kummissjoni se tiżviluppa kultura regolatorja moderna, effiċjenti u effettiva madwar l-Ewropa. Il-progress kbir li sar f'dawn l-aħħar snin se jkun ikkonsolidat fl-2007, filwaqt li l-lezzjonijiet mir-rendikont strateġiku li ġej tal-miżuri meħuda favur ir-Regolamentazzjoni Mtejba jippermettu lill-Kummissjoni li tinfina iktar il-metodu tagħha u tiżgura li l-aspettattivi taċ-ċittadini ta' l-Ewropa u ta' l-operaturi ekonomiċi għal ambjent regolatorju effettiv jintlaħqu.

Programm ta' simplifikazzjoni

B'mod partikolari, il-Kummissjoni qed timplimenta **programm kontinwu** ambizzjuż fil-qasam iddisinnjat biex inaqqas il-piż fuq l-operaturi ekonomiċi u ċ-ċittadini. Dan il-programm kontinwu jkopri oriġinarjament madwar 100 inizjattiva, li iktar minn 20 minnhom diġà twettqu. Wara aġġornament prinċipali tal-programm kontinwu fl-2006, għandhom ikunu ppreżentati 47 inizjattiva ta' simplifikazzjoni matul l-2007. Inizjattivi prinċipali ta' simplifikazzjoni għandhom jiġu ppreżentati f'ħafna oqsma ta' politika, b'mod partikolari għar-regolamentazzjoni tal-prodott, il-leġiżlazzjoni agrikola, il-leġiżlazzjoni ambjentali u tas-swieq tax-xogħol, u l-istatistiċi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se timplimenta s-simplifikazzjoni f'każijiet fejn il-leġiżlazzjoni hija adottata bil-proċedura tal-Komitoloġija.

Kodifikazzjoni

Fl-2007, il-Kummissjoni se tintensifika sew ix-xogħol tagħha biex tnaqqas il-volum ta' l-acquis u ttejjeb l-aċċess għalih u l-implimentazzjoni tiegħu. Wara l-aġġornament u t-tnedija mill-ġdid fl-2006 tal-programm indikattiv biex ikun **ikkodifikat l-acquis**, il-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta madwar 350 inizjattiva ta' kodifikazzjoni sa l-2008. Fl-2007 biss, il-Kummissjoni għandha tippreżenta madwar 100 proposta lil-leġiżlatur għall-kodifikazzjoni ta' atti tal-Kunsill u tal-Parlament. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna li jiżguraw l-adozzjoni mħaffa tal-proposti ta' kodifikazzjoni.

L-eżami ta' proposti pendenti

Fl-2007, il-Kummissjoni se ttemm ukoll l-eżaminazzjoni tal-**proposti pendenti qabel il-leġiżlatur**. Fl-2005-2006, l-ewwel eżami ta' proposti li kienu saru qabel l-2004 wassal lill-Kummissjoni biex tirtira 68 proposta. Eżami simili ta' iktar minn 80 proposta pendenti li kienu saru qabel l-2004 (sat-22 ta' Novembru 2004) issa jippermetti lill-Kummissjoni biex tħabbar l-irtirar ta' 10 proposti pendenti oħra. Skond il-Ftehim Qafas, il-Kummissjoni hawnhekk tinforma lill-istituzzjonijiet l-oħra bl-intenzjoni tagħha li tirtira dawn il-proposti pendenti.

It-tnaqqis ta' l-ispejjeż amministrattivi

Il-Kummissjoni diġà implimentat l-impenn tagħha li tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi fl-UE. L-ispejjeż amministrattivi huma l-ispejjeż imġarrba mill-atturi privati u pubbliċi biex ikunu milħuqa l-obbligi legali biex tkun provduta informazzjoni fuq l-attivitajiet tagħhom. Dawn jirrappreżentaw biss parti mill-ispejjeż kollha b'konformità mal-leġislazzjoni. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' studju pilota, proġett kbir ta' valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi se jibda s-sena d-dieħla b'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri. Billi jitqabblu r-riżultati miksuba f'4 Stat Membri fejn kienu diġà twettqu miżuri ta' referenza (NL, UK, DK, CZ), l-istudju pilota identifika oqsma ta' politika li huma l-iktar responsabbli għall-ħolqien ta' piżijiet amministrattivi u ddefinixxa l-aspetti metodoloġiċi li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni fl-istudju ta' valutazzjoni usa'. Programm ta' azzjoni tal-Kummissjoni għat-tnaqqis ta' l-ispejjeż amministrattivi se jkun ippreżentat kmieni fl-2007. Dan għandu jforni informazzjoni utli għall-elaborazzjoni ta' għan komuni tat-tnaqqis ta' l-ispejjeż amministrattivi fuq il-livell Ewropew, kif ukoll indikazzjonijiet dwar l-oqsma l-iktar adattati għal tnaqqis rapidu ta' l-ispejjeż amministrattivi, u kif dan jista' jinkiseb.

Għodod oħra għar-Regolamentazzjoni Mtejba

Kif kien imħabbar, l-**għodod li jiżguraw il-kwalità u l-implimentazzjoni** ta' kwalità għolja għandhom jissaħħu iktar fl-2007. L-inizjattivi prinċipali tal-Kummissjoni se jkunu ppreparati permezz ta' valutazzjoni ta' l-impatt integrata u permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati u ma' l-esperti, kif ikun meħtieġ. Fix-xhur li ġejjin, servizz speċjalizzat taħt l-awtorità diretta tal-President għandu jibda jiffunzjona biex jiżgura appoġġ ta' kwalità u kontroll tal-valutazzjonijiet ta' l-impatt tal-Kummissjoni. Barra minn dan, fl-2007, il-valutazzjoni esterna tas-sistema tal-valutazzjoni ta' l-impatt tal-Kummissjoni għandha tiġi konkluża u dan jista' jwassal għar-reviżjoni tal-Linji Gwidi tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt kurrenti, pereżempju biex jiżgura li jkun hemm il-ħarsien tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

ANNEX

PROGRAMM LEĠIŻLATTIV U TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI 2007

INIZJATTIVI STRATEĠIĊI

Titolu	Tip ta' proposta jew att	Deskrizzjoni ta' l-ambitu u l-oġġettivi
1. Inizjattivi enerġetiċi a) Reviżjoni Strateġika tal-Politika ta' l-Enerġija għall-Ewropa b) Pakkett ta' miżuri li jassiguraw it-tlestija tas-suq intern għall-elettriku u l-gass.	a) Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva b) Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 95 u 100 Trattat KE	a) Is-SEER beħsieba tistabbilixxi l-elementi ewlenin ta' politika ta' l-enerġija għall-Ewropa li tiġbor flimkien it-tliet għanijiet ewlenin tal-politika ta' l-enerġija: is-sostenibbiltà, il-kompetittività, u s-sigurtà tal-provvista. Għandha toffri strateġija fit-tul li tkun osservata mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri individwali biex tassigura konsistenza sħiħa u biex ikun hemm vuċi waħda fil-livell internazzjonali. Ser jiġu ttestjati diversi għażliet ta' politika li għandhom piż differenti fuq kull wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' politika u għandhom jinżammu u jiġu proposti l-aqwa għażliet possibbli mill-Kummissjoni u l-Kunsill Ewropew. Waħda mill-għażliet ta' politika għandha tistabbilixxi ċertu livell ta' għejjun ta' enerġija ħielsa mill-karbonju biex tippromwovi fl-istess ħin is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista, filwaqt li jinżamm il-livell mitlub ta' kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea u prezz aċċessibbli ta' l-enerġija. Ser ikun hemm diversi xenarji, bħala riżultat tas-sett ta' miżuri differenti li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. b) Il-miżuri li għejjin għandhom jiġu kkunsidrati u ser jiġu proposti wara li ssir valutazzjoni ta' l-impatt: - reviżjoni tad-Direttiva 2003/54 - reviżjoni tad-Direttiva 2003/55 - reviżjoni/estensjoni tar-Regolament 1228/03 li tinkludi l-linji gwida ġodda - reviżjoni/estensjoni tar-Regolament 1775/05 li tinkludi l-linji gwida ġodda - reviżjoni tad-Direttivi 2004/67 u 2005/89 - Direttiva/Regolament dwar il-ħażna tal-gass (jew possibbilment inklużi fir-reviżjoni ta' l-2003/55) Dan it-tibdil ser ikollu l-għan li jkompli jitjeb l-aċċess għan-netwerks ta' l-enerġija billi tissaħħaħ l-indipendenza ta' l-operaturi tas-sistemi, billi tiżdied il-koerenza tar-regolamenti ta' l-enerġija fl-livell nazzjonali u Ewropew, billi jiżdied il-livell ta' trasparenza u s-sorveljanza tas-suq u jiġu protetti l-klijenti.
2. Inizjattivi dwar l-Immigrazzjoni a) Proposta leġiżlattiva għal Qafas ta' Direttiva ġenerali li tindirizza l-immigrazzjoni tax-xogħol b) Proposta għal direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ħaddiema b'ħiliet kbar c) Proposta għal Direttiva dwar is-sanzjonijiet minimi għal dawk li jħaddmu ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti	a) Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 63 Trattat KE b) Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 63 Trattat KE c) Proposta/Direttiva leġiżlattiva Bażi legali: Art 63(3) (b) Trattat KE	a) L-għan speċifiku huwa li tippromwovi l-integrazzjoni aħjar ta' immigranti ekonomiċi fis-suq tax-xogħol u li tistabbilixxi regoli ġusti u ċari u d-drittijiet għalihom. Status legali sikur għall-immigranti ekonomiċi – fejn id-drittijiet tagħhom kemm bħala ħaddiema kif ukoll bħala membri tas-soċjetà ospitanti jkunu identifikati u rikonxxuti b'mod ċar – ser jipproteġihom mill-isfruttament, u għalhekk jikber il-kontribut tagħhom lejn l-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku ta' l-UE. b) L-għan speċifiku huwa li jtfasslu proċeduri ta' dħul, li jkunu kapaċi li jiffaċċjaw malajr it-talbiet li jinbidlu għal xogħol minn immigranti fis-suq tax-xogħol, jiġifieri li jkunu jistgħu jimlew il-postijiet vakanti fis-suq tax-xogħol b'mod effettiv u malajr, anki bil-għan li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tax-xejriet demografiki fl-Ewropa. c) Biex jingħata kontribut biex jiġi ttrattat jew jitnaqqas l-impjeg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment, sabiex fl-istess ħin, titnaqqas l-immigrazzjoni illegali u l-isfruttament ta' ħaddiema bħal dawn.

illegalment		
3. Kommunikazzjoni dwar is-Suq Wieħed	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Il-Komunikazzjoni dwar aġenda għaċ-Ċittadini ssejjaħ għal revizzjoni tas-Suq Wieħed li tħares 'il quddiem. Għandha l-għan li tevalwa l-esperjenza tas-Suq Wieħed mill-1992, biex tidentifika s-suċċessi u n-nuqqasijiet u tara x'azzjoni hija meħtieġa biex tassigura li s-Suq Wieħed ikompli jwettagħ il-wegħda ekonomika tiegħu, u tassigura li ċ-ċittadini jgawdu mill-benefiċċji b'mod effettiv. Ir-reviżjoni għandha tfassal viżjoni ċara u koerenti tas-Suq Intern Wieħed. Għandha toffri direzzjoni ċara ta' politika għas-snin li ġejjin u sservi bħala strument bżonnjuż biex jerġa' jikkollega liċ-ċittadini mas-Suq Wieħed.
4. Analiżi tar-realtà soċjali	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	F'Ġunju 2006, il-Kunsill Ewropew, filwaqt li rrikonoxxa li d-dinamika kumplessa tal-bidla soċjali fi ħdan is-soċjetajiet tagħna teħtieġ li tkun miftehma aħjar biex issaħħaħ ir-rispons ta' l-Ewropa lejn il-globalizzazzjoni, talab lill-Kummissjoni biex tevalwa s-sitwazzjoni soċjali fl-Unjoni, b'enfasi partikolari fuq il-kwistjonijiet ta' aċċess u opportunità. Din l-evalwazzjoni ser teżamina l-muturi ewlenin wara t-trasformazzjonijiet soċjali fis-soċjetajiet Ewropej. Ser tħares lejn kif dawn il-bidliet jistgħu jiġu evalwati fil-konfront tal-livelli ta' għixien tajjeb. Ser tipprova tiftaħ dibattitu dwar uħud mill-fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għall-għixien tajjeb – bħalma huma l-opportunità ekonomika, il-kwalità tal-ħajja tax-xogħol, l-isfidi tas-soċjetà dejjem tixjeh, id-demografija u xejriet ġodda tal-ħajja tal-familja, il-faqar u l-inugwaljanza, il-barrieri għas-saħħa u l-mobilità soċjali, il-kriminalità, l-imġiba anti-soċjali, u d-diversità u l-multikulturaliżmu. Dan l-eżerċizzju li jesplora r-realtà soċjali ta' l-Ewropa għandu l-għan li jibni kunsens ġdid dwar l-isfidi soċjali li qed jiffaċċjaw l-Ewropej.
5. Proposta għar-reviżjoni tad-Deċizzjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu	Proposta/Deċizzjoni Leġiżlattiva	Is-sejba ta' soluzzjonijiet effettivi fil-ġlieda kontra l-propaganda tat-terroriżmu b'diversi mezzi tal-midja. Tiġi limitata t-trażmizzjoni ta' għarfen espert, b'mod partikolari dwar splużivi u l-manifattur tal-bombi għal għanijiet terroristiċi.
6. Skema għall-Iskambju ta' kwoti ta' l-Emissjonijiet Proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fi ħdan il-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, kif emendata	Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 175(1) Trattat KE	Reviżjoni ta' l-Iskema għall-Iskambju ta' kwoti ta' l-Emissjonijiet ta' l-UE u emenda tad-Direttiva eżistenti biex jitjeb it-tħaddim u jiġi estiż l-ambitu tat-tielet perjodu ta' skambju li jibda fl-2013
7. Kommunikazzjoni dwar "Toroq lejn iżjed Flessigurtà: il-kisba ta' taħlit aħjar ta' flessibilità u sigurtà"	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	L-għan tal-Komunikazzjoni huwa li jesplora l-flessigurtà u jgħin lill-Istati Membri jadottaw sa l-aħħar tas-sena sett ta' prinċipji komuni. Il-Komunikazzjoni ser tenfasizza s-sitwazzjoni attwali dwar il-flessigurtà fi ħdan l-Istati Membri u toroq possibbli lejn flessigurtà mtejbja
8. Kommunikazzjoni dwar "Strateġija Ewropea għas-Servizzi Soċjali ta' Interess ġenerali"	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Fuq il-bażi ta' iktar konsultazzjonijiet ma' l-Istati Membri (pereżempju grupp ta' livell għoli dwar il-politika tas-saħħa u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali) u partijiet interessati rilevanti, din il-komunikazzjoni ta' segwitu ser tistabbilixxi l-passi li jmiss biex jiġi żviluppat approċċ iktar sistematiku fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunità u l-prinċipji fil-qasam tas-servizzi soċjali.
9. Qafas Komunitarju għal servizzi tas-saħħa sikuri u effiċjenti	Proposta Leġiżlattiva Bażi legali: Art 95 Trattat KE	L-għan speċifiku huwa li jistabbilixxi qafas Komunitarju għal servizzi tas-saħħa sikuri, ta' kwalità għolja u effiċjenti biex: - tiġi assicurata s-sigurtà tal-pazjent fejn tiġi pprovduta kura tas-saħħa fil-Komunità kollha; - jiġu indirizzati l-inċertezzi fuq l-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunità fis-servizz tas-saħħa li joħolqu ostakli għal kura tas-saħħa transkonfinali; - u biex jitjebu l-effiċjenza u l-effettività tas-servizzi tas-saħħa fl-UE kollha.

10. Proposta dwar azzjonijiet biex tissaħħaħ Il-Protezzjoni Diplomatika u Konsolari	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	Din il-proposta ser tkun is-segwitu ta' Komunikazzjoni dwar din il-kwistjoni adottata sa tmiem l-2006. Meta jitqies l-għadd dejjem jżdied ta' ċittadini ta' l-UE li jsiefru barra l-pajjiż u għaldaqstant li aktarx ikollhom bżonn ta' protezzjoni diplomatika jew konsolari f'każ ta' problema, mhuwiex aċċettabbli l-livell baxx ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom. Biex iċ-ċittadini jkunu konxji tad-drittijiet fundamentali tagħhom għal protezzjoni diplomatika u konsolari barra l-UE. Biex jiġu implimentati standards komuni u proċeduri komuni fost l-Istati Membri meta jiġu megħjuna ċittadini ta' l-UE msiefrin.
11. White Paper fuq l-Istrateġija dwar is-saħħa	Azzjoni/White Paper mhux leġislattiva	Il-miri ta' l-Istrateġija dwar is-Saħħa huma: - li ggħib flimkien l-inizjattivi kollha tas-saħħa biex titjeb is-sigurtà u ssir promozzjoni tas-saħħa; - li tfassal aġenda politika dwar it-temi ewlenin tas-saħħa; - li tagħmel monitoraġġ tal-progress bil-miri u l-indikaturi; - li timplimenta mekkaniżmu u strumenti tal-Komunità.
12. Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija Mġedda għall-Access tas-Swieq	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	L-adattament tal-metodi ta' azzjoni ta' l-Istrateġija hija meħtieġa biex tiżviluppa l-ftuħ tas-swieq dinjin, għall-benefiċċji ta' l-UE bħala pajjiż terz. Jirrigwarda l-użu ta' l-istrumenti kollha tal-politika kummerċjali. L-għanijiet ewlenin huma li tkun faċilitata l-esportazzjoni ta' prodotti u servizzi, u ta' investimenti, l-aktar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u t-tneħħija tal-barriera ta' aċċess għas-swieq u l-għajjnuna lill-impriżi li jaħdmu fis-setturi bl-akbar potenzjal biex japprofittaw ruħhom mill-ispeċjalizzazzjoni settorjali dinjija.
13. Komunikazzjoni dwar Politika Spazjali Ewropea, li tinkorpora Programm Spazjali Ewropew	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	L-għan globali ser ikun biex titfassal Politika Spazjali Ewropea koerenti u komprensiva li tkopri l-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ASE), flimkien mal-politika u l-attivitajiet ta' l-Istati Membri, li jqabbell il-ħtiġijiet ta' l-utenti fuq in-naħa tad-domanda mal-potenzjal strateġiku tas-sistemi u t-teknoloġiji spazjali. Il-Politika tkun diretta biex tisfrutta t-teknoloġiji spazjali u s-sistemi b'appoġġ għall-politiki u l-għanijiet ta' l-Unjoni. Ser tipprovi segwitu politiku għall-koordinazzjoni minn dawn il-korpi tal-programmi eżistenti tagħhom taħt il-kappa tal-Programm Spazjali Ewropew.
14. Komunikazzjoni dwar it-triq 'l quddiem lejn politika marittima futura	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	Kif previst fil-Green Paper Lejn Politika Marittima Futura għall-Unjoni adottata mill-Kummissjoni f'Ġunju 2006, il-Komunikazzjoni ser tiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-proċess ta' konsultazzjoni wara l-Green Paper, ser tislet il-konklużjonijiet politiki u ser tippreżenta ċerti azzjonijiet ta' segwitu li jistgħu jiġu implimentati f'perjodu ta' żmien qasir.
15. Green Paper dwar it-trasport urban	Azzjoni/Green Paper mhux leġislattiva	Il-Green Paper ser tevalwa l-benefiċċji li joħorġu minn politika Ewropea dwar it-trasport urban. Il-Green Paper ser tidentifika wkoll il-problemi/sfidi, azzjonijiet (possibbli) ġodda fosthom "azzjonijiet bikrija", responsabbiltajiet (possibbli), ser tipproponi azzjonijiet li permezz tagħhom l-UE tista' żżid il-valur, u ser tinkludi lista ta' mistoqsijiet għal iktar konsultazzjoni.
16. Green Paper dwar il-Bidla fil-Klima wara l-2012	Azzjoni/Green Paper mhux leġislattiva	Il-Green Paper ser tgħin biex jiġu identifikati l-oqsma fejn teħtieġ azzjoni flivell Komunitarju biex tappoġġja l-adattament ta' l-UE għaż-żieda fl-effetti ħżiena tal-bidla tal-klima. Il-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-azzjoni fil-livell ta' l-UE dwar l-adattament kienet indikata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nirbħu l-Battalja Kontra t-Tibdil fil-Klima Dinjija".
17. Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni tas-suq komuni ta' l-inbid (*)	Proposta/Regolament Leġislattiv/a Bażi legali: Art 37 Trattat KE	Ir-riforma ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni għall-inbid għandha prinċipalment l-għan: • li żżid il-kompetittività tal-produtturi ta' l-inbid ta' l-UE; • li toħloq reġim ta' l-inbid li jopera permezz ta' regoli ċari u sempliċi, regoli sempliċi li jiżguraw bilanċ bejn il-provvista u d-domanda; u • li toħloq reġim ta' l-inbid li jħares l-aqwa tradizzjonijiet tal-produzzjoni ta' l-inbid ta' l-UE u ssaħħaħ in-nisġa soċjali u ambjentali taż-żoni rurali. Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill kienet preċeduta mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li stipula l-linji gwida għall-leġislazzjoni (COM (2006) 319 finali tat-22 ta' Ġunju 2006).
18. Inizjattivi fil-qasam tad-Difiża a) Komunikazzjoni dwar l-industrija u s-	a)	L-industrija tad-difiża s'issa tħallaw barra mill-implimentazzjoni tas-suq intern. L-Istati Membri żammew kontroll nazzjonali dwar is-swieq ta' l-apparat tad-difiża u l-industrija relatati (ibbażat fuq l-Artikolu 296 tat-Trattat KE). Is-swieq huma għalhekk frammentati, u dan iwassal għall-frammentazzjoni simili ta' l-isforzi ta' riċerka u bażijiet industrijali. Minħabba li l-problema hija l-

swieq tad-difiża b) Proposta għal Regolament dwar it-Trasferiment ta' Prodotti tad-Difiża c) Proposta għal Direttiva dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi fil-qasam tad-difiża	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva b) Proposta/Regolament leġislattiv/a Bażi legali: Art 95 Trattat KE c) Proposta/Direttiva leġislattiva Bażi legali: Art 95 Trattat KE	frammentazzjoni tas-suq, mhuwiex probabbli li tissolva biss fil-livell ta' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni trid tinkoraġġixxi l-kompetittività tas-settur tad-difiża Ewropew, billi jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi u l-ħtiġijiet ta' dan is-settur, billi jissaħħa l-istatus kummerċjali ta' l-industrija Ewropea għall-prodotti tad-difiża, li jkompli jżviluppa l-industrija tad-difiża Ewropea kapaċi li tappoġġja l-ESCP u xogħol l-Istati Membri li jiggarrantixxu s-sigurtà nazzjonali. B'mod partikolari, għandha twassal għat-tishif fis-sinerġija bejn il-ħtiġijiet militari u dawk ta' l-industrija rigward prodotti relatati mad-difiża. Barra minn hekk, huwa ġeneralment rikonoxxut li l-livell għoli ta' frammentazzjoni tas-suq tad-difiża ffixkel l-effiċjenza tal-proċessi ta' għotja u l-funzjonament tas-Suq Intern. F'dan il-kuntest, l-użu estensiv ta' l-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 296 TKE hija problema kbira, minħabba li twassal għall-użu ta' regoli nazzjonali ta' l-offerti mhux koordinati u prattiċi differenti ta' offerti fis-segmenti tas-suq li jaqgħu de jure taħt ir-regoli Komunitarji. Dan kollu jnaqqas it-trasparenza u l-ftuħ tas-swieq tad-difiża u jikkontribwixxi ħafna biex ikun hemm il-frammentazzjoni attwali tas-suq. Il-Kummissjoni ser tadotta qabel tmien l-2006 "Komunikazzjoni Interpretattiva dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 296 tat-Trattat fil-qasam ta' l-offerti tad-difiża." B'mod parallel, il-Kummissjoni tagħmel Valutazzjoni ta' l-Impatt biex tevalwa jekk Direttiva possibli jew offerta tad-difiża tkun utli, billi jiġu introdotti regoli flessibbli li huma iktar adattati għan-natura speċifika tas-swieq tad-difiża.
19. Inizjattivi dwar it-Tkabir a) Dokument ta' Strateġija dwar it-Tkabir b) Rapporti ta' Progress dwar il-Kroazja, it-Turkija, l-ex Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, l-Albanija, il-Bożnja u Herżegovina, is-Serbja (inkluż il-Kosovo) u Montenegro. c) Partenarjati dwar il-Kroazja, it-Turkija, l-ex Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, l-Albanija, il-Bożnja u Herżegovina, Montenegro u s-Serbja (inkluż il-Kosovo).	a) Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva b) Azzjoni/dokumenti ta' ħidma ta' l-istaff mhux leġislattiv/i c) Proposta/Deċiżjoni leġislattiva Bażi legali: Art 310 Trattat KE	a) Id-"Dokument ta' Strateġija" fih ir-riżultati ewlenin tar-Rapporti ta' Progress u jinkludi proposti għar-rakkomandazzjonijiet tal-politika. b) Ir-Rapporti ta' Progress jevalwaw il-progress li sar mill-Kroazja u t-Turkija u l-ex Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja lejn l-adeżjoni kif ukoll il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' l-Albanija, il-Bożnja u Herżegovina, Montenegro u s-Serbja inkluż il-Kosovo. c) Il-Partenarjati (Partenarjati ta' Adeżjoni jew Ewropej) jiddefinixxu għal kull pajjiż prijoritajiet li jridu jintlaħqu fi żmien qasir jew medju. Huma bbażati fuq ir-riżultati tar-Rapporti ta' Progress.
20. Inizjattivi dwar il-politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) a) Komunikazzjoni fuq l-ENP b) Kooperazzjoni fil-Baħar l-Iswed c) Rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ma' 11-il pajjiż imsieħeb	a) Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva b) Azzjoni/dokumenti ta' ħidma ta' l-istaff mhux leġislattiv/i c) Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	a) Wara d-dibattitu mal-Kunsill u l-Parlament u partijiet oħra interessati, inklużi pajjiżi msieħba, taħt il-Presidenza Ġermaniża, il-Kummissjoni ser tagħmel proposti speċifiċi biex issaħħa l-ENP f'oqsma bħall-integrazzjoni ekonomika u kummerċjali ikbar, iktar mobilità għaċ-ċittadini fl-UE, u l-Fond ta' Investiment tal-Viċinat. Ser tistabbilixxi proposti għall-arranġamenti suċċessivi ma' l-Ukraina, il-Moldova u l-Iżrael, li l-Pjanijiet ta' Azzjoni tagħhom jiskadu fl-2008. Il-Komunikazzjoni ser tevalwa l-progress dwar l-implimentazzjoni li hemm fil-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-ENP ma' 11-il pajjiż imsieħeb (ara punt c hawn isfel). b) Proposti għall-preżenza iktar qawwija ta' l-UE fil-kooperazzjoni fil-Baħar l-Iswed, inklużi l-imsieħba reġjonali ta' l-ENP kif ukoll ir-Russja u t-Turkija, bħala kontribut ewleni għall-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali c) Evalwazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' 11-il-Pajjiż u l-evalwazzjoni tal-progress lejn l-għanijiet globali tal-Politika Ewropea tal-Viċinat

21. Segwitu għall-White Paper dwar il-Politika Ewropea dwar il-Komunikazzjoni	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	L-għan ewlieni tal-politika huwa t-twaqqif ta' aġenda ta' miżuri prattiċi mill-istituzzjonijiet ta' l-UE, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili, li sservi bħala sies ta' l-impenn tal-Kummissjoni biex tikkollega maċ-ċittadini u tikkonsolida l-pedamenti demokratiċi tal-proġett Ewropew, inkluż l-iżvilupp ta' l-isfera pubblika Ewropea. L-azzjonijiet proposti jirriflettu s-suġġerimenti li ħarġu mill-White Paper kif ukoll il-konsultazzjoni pubblika u l-konferenzi ta' wara għall-partijiet interessati fl-2006 u l-2007. Il-proposti ser jiffukaw fuq it-twaqqif ta' prinċipji komuni għad-drittijiet tal-komunikazzjoni; l-għoti tal-poteri liċ-ċittadini (edukazzjoni ċivika); il-kooperazzjoni mal-midja; metodi mtejbja għall-analiżi u l-għarfien ta' l-opinjoni pubblika kif ukoll l-iżvilupp ta' partenarjati ma' l-imsieħba kollha istituzzjonali ewlenin fl-Istati Membri biex jiżdied ir-rikonoxximent tad-dimensjoni ta' l-UE fil-kwistjonijiet politiċi nazzjonali.
---	--	--

INIZJATTIVI TA' PRIJORITÀ

Titolu	Tip ta' proposta jew att	Deskrizzjoni ta' l-ambitu u l-oġġettivi
Inizjattivi dwar il-Eurozone a) Rapport ta' konverġenza – 2007 b) Proposta għal Deċiżjoni(ijiet) tal-Kunsill c) Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-rati tal-kambju tal-muniti għall-euro ta' l-Istati Membri kkonċernati	a) Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva b) Proposta/Deċiżjoni leġislattiva Bażi legali: Art 122(2) Trattat KE c) Proposta/Regolament leġislattiv Bażi legali: Art 123(5) Trattat KE	a) Fuq talba ta' Stat Membru b'deroga, il-Kummissjoni u l-BĊE jippreparaw rapport ta' konverġenza kull wiehied skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 121(1) tat-Trattat KE. Ir-rapporti jeżaminaw sa fejn l-Istat Membru jkun kiseb grad għoli ta' konverġenza sostenibbli fuq il-bażi ta' 4 kriterji ta' konverġenza. Il-kompatibilità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom mal-liġi tal-Komunità wkoll tiffirma parti mill-evalwazzjoni. b) Jekk wiehied jew iktar Stati Membri jitqiesu li ssodisfaw il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' l-euro, id-deroga tagħhom titħassar mill-Kunsill. c) Jekk wiehied jew iktar Stati Membri jitqiesu li ssodisfaw il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' l-euro, il-Kunsill jiddeċiedi dwar ir-rati tal-kambju ta' l-isħab ġodda taż-żona ta' l-euro.
Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-iskema ta' appoġġ fis-settur tal-qoton flimkien ma' proposta għar-regolament li jemenda l-Kapitolu 10a tat-Titolu IV tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003.	Proposta/Regolament Leġislattiv/a Bażi legali: Art. 37 (2) tat-Trattat tal-KE u l-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton, anness ma' l-Att ta' l-1979 dwar l-Adeżjoni (b'mod partikolari il-paragrafu 6 tiegħu).	Fis-7 ta' Settembru 2006, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja annullat ir-riforma ta' l-2004 dwar il-qoton għaliex id-deċiżjoni dwar ir-riforma ma kenitx qed tqis il-fatturi kollha rilevanti, b'mod partikolari l-ispejjeż tax-xogħol u l-vijabilità ta' l-impriżi tal-halg li l-Qorti tqis meħtieġa biex tevalwa l-profitt ta' l-uċuħ. Ir-reġim preżenti jista' jkompli jiġi applikat sakemm issir l-adozzjoni tar-regolament il-ġdid.
White Paper dwar Azzjonijiet għad-Danni għal ksur tar-Regoli ta' Kompetizzjoni tal-KE	Azzjoni/White Paper mhux leġislattiva	Il-White Paper ser tissuġġerixxi s-segwitu possibbli għal Green Paper ta' l-2005 li eżaminat għadd ta' barrieri proċedurali u tekniċi fl-Istati Membri li jżommu lill-impriżi u lill-individwi li ġarrbu danni minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-KE milli jieħdu azzjoni legali privata li tirnexxi sabiex jingħataw kumpens għat-telf li ġarrbu minn min kiser il-liġi. L-għan ewlieni huwa li tiġi assicurata implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li l-effettività sħiħa tat-Trattat tkun qed titqiegħed f'riskju jekk ma tkunx miftuħa għal kull individwu biex jitlob kumpens għad-danni u t-telf imġarrab permezz ta' kondotta li twassal biex il-kompetizzjoni tiġi ristretta jew mġhawġa, u li hemm obbligu li jkun hemm provvediment għall-mezzi effettivi biex jiġi eżerċitat id-dritt għad-danni.
Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' Strateġiji Nazzjonali għall-kuntratti pubbliċi li jirrispettaw l-ambjent ibbażati fuq il-mira wiesgħa ta' l-UE u l-monitoraġġ u ffixsar ta' kriterji.	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	Tgħolli l-profil politiku billi tipproponi miri wiesgħa ta' l-UE għall-kuntratti pubbliċi li jirrispettaw l-ambjent; tiżdied l-implimentazzjoni billi tingħata gwida lill-Istat Membru għall-adozzjoni ta' pjani nazzjonali ta' azzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi li jirrispettaw l-ambjent u billi tipproponi ffixsar u monitoraġġ regolari mill-Kummissjoni u l-Istat Membru
White Paper dwar l-Integrazzjoni tas-	Azzjoni/White Paper mhux	White Paper dwar kreditu b'ipoteka li tħabbar kull inizjattiva li għandha tiġi proposta biex tippromwovi l-ħolqien ta' suq tal-kreditu b'ipoteka, ibbażat fuq ir-risultati ta' konsultazzjoni wiesgħa wara l-Green Paper ta' l-2005 dwar il-"Kreditu b'ipoteka fl-UE".

swieq ta' l-UE dwar Kreditu b'ipoteka	leġiżlattiv	
Proposta għal Direttiva dwar il-koordinament ta' proċeduri għall-għoti ta' konċessjonijiet	Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 47(2), 55 u 95 Trattat KE	Il-konsultazzjoni pubblika dwar il-Green Paper dwar il-Partenarjati Pubbliċi-Privati (PPPs) u l-liġi tal-Komunità dwar l-offerti pubbliċi u l-konċessjonijiet urew id-domanda għal ambjent legali stabbli u konsistenti għall-għoti ta' konċessjonijiet fil-livell ta' l-UE. Minkejja l-importanza ekonomika tal-konċessjonijiet, huma biss ftit dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni sekondarja Komunitarja li jikkoordinaw il-proċeduri ta' għoti ta' konċessjonijiet ta' xogħol. Minbarra dawn id-dispożizzjonijiet, il-korpi kuntrattwali huma liberi li jiddeċiedu kif jagħżlu s-sieħeb privat, għalkemm meta jagħmlu hekk għandhom madankollu jiggarrantixxu r-rispett sħiħ għall-prinċipji u r-regoli li joħorġu mit-Trattat. Min-naħa tagħhom, l-għoti ta' offerti tas-servizz huwa mmexxi biss mill-prinċipji tat-Trattat tal-KE. Il-livell ta' koordinazzjoni fl-UE jidher li huwa l-aktar adattat biex jipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa, billi jkun hemm konċiljazzjoni ma' l-allegat bżonn ta' flessibilità ta' l-awtoritajiet pubbliċi u jinholq ambjent ta' parità għall-operaturi ekonomiċi.
Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-trasferiment transkonfinali ta' l-uffiċċju reġistrat ta' kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata	Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 251 Trattat KE	L-abbozz ta' proposta fih qafas sempliċi li jippermetti t-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija b'responsabbiltà limitata mingħajr ma jagħlaq fl-Istat Membru oriġinali jew l-inkorporazzjoni formali mill-ġdid fl-Istat Membru Ospitanti. Id-direttiva ser tassigura kontinwità tal-personalità legali tal-kumpanija. Ser tinkludi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-parteċipazzjoni ta' l-impjegati.
Proposta għal Direttiva dwar il-Likwidità ta' kumpaniji ta' l-assigurazzjoni (Likwidità II) (*)	Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 47 (2) u 55 Trattat KE	Kumpaniji ta' l-assigurazzjoni qed jiffaċċjaw kompetizzjoni dejjem ikbar, konverġenza bejn is-setturi finanzjarji u dipendenza internazzjonali. F'konformità ma' żviluppi simili fis-settur bankarju u wara żviluppi internazzjonali fil-likwidità, ġestjoni ta' riskju u awditjar, ir-reġim ġdid tal-likwidità għandu l-għan li jħares lit-titolari tal-poloż u l-benefiċjarji. Għandu jsaħħaħ il-kompetittività ta' l-assiguraturi ta' l-UE u jipprovdi allokkazzjoni aħjar tar-riżorsi kapitali, mingħajr ma jinholq tfixkil sinifikanti fis-suq u l-innovazzjoni ta' l-industrija ta' l-assigurazzjoni.
Proposta għal Emenda tad-Direttiva dwar Impriżi għall-Investimenti Kollettivi f'titoli Trasferibbli (UCITS)	Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 47(2) u 95	Id-Direttiva introduċiet il-kunċett tal-passaport UCITS, li jippermetti fond, suġġett għal notifika sempliċi, li jiġi offrut lill-investituri bl-imnut f'kull ġurisdizzjoni ta' l-UE meta toħroġ l-awtorizzazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini. Id-dispożizzjonijiet tad-direttiva li jiddefinixxu l-limiti ta' investiment, rekwiżiti ta' informazzjoni u fatturi oħra UCITS tfasslu bil-għan li jiġu protetti l-investituri. Filwaqt li l-passaport UCITS sab xi problemi fl-implimentazzjoni Prattika tiegħu, fetaħ it-triq għal bejgħ transkonfinali ta' fondi ta' investiment. Madankollu, ma kienx biżżejjed biex jiffaċilita l-konsolidament ta' l-industrija u jiġi effiċjenza akbar. L-għan ta' din il-proposta huwa li jimmodernizza l-qafas regolatorju eżistenti biex jinkisbu l-oġġettivi tiegħu (l-effiċjenza tas-suq u l-protezzjoni ta' l-investitur) f'kuntest fejn it-tibdil strutturali qed ibiddel l-ambjent li fih jevolvi s-settur tal-fond ta' investiment. Għanijiet operattivi: 1) biex jiġu eliminati l-barrieri lejn l-integrazzjoni tas-suq tal-fondi Ewropew; 2) biex jiġi inkoraġġit it-tnaqqis fl-ispejjeż f'livelli differenti tal-katina ta' valur ta' l-industrija tal-fondi u jiġi assigurat li dan it-tnaqqis jingħata lill-investituri; 3) biex ikun hemm il-qafas xieraq għall-investituri biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-investment
Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-proporzjonalità bejn il-kapital u l-kontroll fil-kumpaniji ta' l-UE	Azzjoni/Rakkomandazzjoni mhux leġiżlattiva	L-għan ewlieni huwa li jiġu identifikati d-devjazzjonijiet eżistenti mill-allokkazzjoni proporzjonali tal-proprietà u l-kontroll fil-kumpaniji kollha elenkati fl-UE; li tiġi evalwata l-importanza ekonomika tagħhom u jekk devjazzjonijiet bħal dawn għandhomx impatt fuq is-swieq finanzjarji ta' l-UE. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tevalwa jekk ir-reġim preżenti dwar id-drittijiet tal-vot ta' l-azzjonijisti fl-UE kollha huwiex ta' ostakolu għall-integrazzjoni tas-suq finanzjarju fl-UE, li hija kundizzjoni essenzjali biex jiġu sfruttati l-aħjar benefiċċji tat-tkabbir għal 25 Stati Membri kollha ta' l-UE.
Komunikazzjoni dwar rati oħra tal-VAT barra mir-rata standard	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Il-Kummissjoni beħsiebha tuża r-riżultati ta' studju ta' diskussjoni indipendenti ta' kwalità għal : - l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni attwali fl-UE mkabbar ta' 25 l-aktar f'dak li huwa ħolqien ta' impjegji, tkabbir ekonomiku u t-tħaddim xieraq tas-suq intern; - id-diskussjoni dwar il-ħtieġa u/jew possibilità ta' proposti ġodda fil-qasam tar-rati mnaqqsa tal-VAT. Kull proposta għandha twassal għal konsistenza mtejbja fl-applikazzjoni tar-rati tal-VAT fl-UE u l-kontribut tagħhom fit-tħaddim xieraq tas-suq intern, kif ukoll il-koerenza ma għanijiet ta' politika stabbliti. Il-kjarifika ta' l-ambitu tar-rati mnaqqsa tal-VAT għandha telimina l-inċertezza għall-impriżi u ċ-ċittadini.

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-immodernizzar tad-dispożizzjonijiet tal-VAT dwar is-servizzi finanzjarji inkluża l-assigurazzjoni (*)	Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 93 Trattat KE	Id-dispożizzjonijiet attwali huma skaduti u jeħtieġ li għall-inqas jiġu modernizzati. L-ambjent legali u regolatorju globali li fih topera l-industrija ma jżommx il-pass ma' l-evoluzzjoni ta' l-industrija u huwa konfliġġenti mal-preġudizzju lejn l-integrazzjoni vertikali. Il-kumpaniji għalhekk jinżammu lura milli jkompli jtejb u l-istrutturi ekonomiċi u legali tagħhom biex iżidu l-kompetittività tagħhom. It-tidbillet għandhom ixaqilbu lejn l-immodernizzar tar-regoli, billi tiġi assicurata l-konsistenza tagħhom ma' l-għanijiet stabbiliti tal-politika u titnaqqas il-ħtieġa li tinkiseb kjarifika permezz ta' litigazzjoni.
Ir-4 Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-progress li sar lejn koeżjoni ekonomika u soċjali u l-kontribut li sar mill-politika Ewropea u nazzjonali kif ukoll mill-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-BEI u strumenti oħra finanzjarji (Artikolu 159 Trattat KE u 45 Regolament (KE) nru 1260/1999).
Komunikazzjoni dwar "L-implimentazzjoni ta' l-Aġenda ta' Liżbona fil-post: Programmi ta' Politika ta' Koeżjoni 2007-2013"	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tevalwa safejn il-programmi l-ġodda tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013 mistennija jmxu 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' l-Aġenda mġedda ta' Liżbona (l-aktar ir-riżultati ta' l-eżerċizzju ta' l-allokazzjoni u ż-żieda fin-nefqa għall-innovazzjoni).
Komunikazzjoni u proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat (IUU)	Proposta/Regolament Leġiżlattiv/a Bażi legali: Art 37 Trattat KE	Is-Sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat huwa ta' theddida kbira dinjija kontra s-sostenibilità ta' stokks ta' ħut u d-diversità marina. Jikkawża wkoll telf kbir lill-komunitajiet kostali u lis-sajjieda li joperaw b'mod legali. Il-Pjan ta' Azzjoni ta' l-2001 tal-FAO wera l-kunsens fil-komunità internazzjonali li l-mezzi kollha xierqa għandhom ikunu dedikati biex tinstab soluzzjoni għas-sajd IUU. Wara l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni mill-Komunità Ewropea fl-2002, trid tiġi definita strateġija ġdida, li tevalwa dak li ntlaħaq diġà u tidentifika x'azzjonijiet ġodda jeħtieġ li jittieħdu.
Komunikazzjoni dwar politika għall-eliminazzjoni progressiva ta' rimi fis-Sajd Ewropew	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	L-għan huwa li titnaqqas il-ħela fl-operazzjonijiet tas-sajd u tiżied is-sostenibilità tas-sajd billi jiġi eliminat progressivament ir-rimi u jitnaqqsu l-qabdiet sekondarji.
Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iskarsezza ta' l-ilma u n-nixfiet	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Dan joħroġ mit-talba ta' għadd ta' Stati Membri biex jibdw azzjoni Ewropea dwar l-iskarsezza ta' l-ilma u n-nixfiet magħmula waqt il-Kunsill ta' l-Ambjent tad-9 ta' Marzu 2006. Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel nota ta' informazzjoni lill-Kunsill ta' l-Ambjent f'Ġunju 2006 li fiha kkommettet ruħha li tikkunsidra liema azzjoni setgħet tittieħed fil-livell ta' l-UE dwar kwistjonijiet ta' l-iskarsezza ta' l-ilma u n-nixfiet, ibbażata fuq analiżi bir-reġqa.
Pjan ta' Azzjoni dwar il-Produzzjoni u l-Konsum Sostenibbli (SCP)	Azzjoni/Pjan ta' Azzjoni mhux leġiżlattiva	Il-Kunsill Ewropew jitolb lill-Kummissjoni biex tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni UE-SCP sa l-2007 fil-kuntest ta' Strateġija mġedda ta' Żvilupp ta' l-UE (SDS) ta' Ġunju 2006. L-għan huwa li jipromwovi l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli billi jiġi indirizzat l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fi ħdan il-kapaċità ta' l-ekosistemi u d-diżakkoppjament tat-tkabbir ekonomiku mid-degradazzjoni ambjentali.
Proposta leġiżlattiva dwar ir-Regolamentazzjoni ta' l-Iżolament tal-Karbonju u l-Ħażna Ġeoloġika (CCS)	Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 175 Trattat KE	L-iżolament u l-ħażna hija teknoloġija ġdida li tista' tagħti kontribut sinifikanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2, kemm fl-UE kif ukoll f'livell globali. L-acquis ambjentali jeħtieġ li jiġi adattat għal din it-teknoloġija, biex jitneħħew barrieri mhux mixtieqa billi jitwaqqaf qafas legali għas-CCS fl-UE, biex l-investituri madwar l-Ewropa jkollhom ċertezza legali, u għal ġestjoni ta' riskji ambjentali ġodda.
White Paper: "Lejn Programm ta'	Azzjoni/White Paper mhux	Il-produzzjoni ta' White Paper <i>Lejn Programm ta' Adattament tal-Bidla fil-Klima Ewropea</i> , billi jitqies ir-rispons li ħareġ mill-

Adattament tal-Bidla fil-Klima Ewropea"	leġislattiva	konsultazzjoni tal-Green Paper dwar l-Adattament (li ser tiġi ppubblikata fi tmien l-2006) li telenka l-azzjonijiet speċifiċi dwar l-adattament li għandha tiegħu l-Kummissjoni.
Proposta għal Regolament dwar il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-vetturi bil-mutur li jużaw l-idroġenu tal-gass likwidu jew ikkumpressat	Proposta/Regolament Leġislattiv/a Bażi legali: Art 95 Trattat KE	Dan ir-Regolament jistipula r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tas-sistemi ta' idroġenu u komponenti ta' l-idroġenu għall-vetturi bil-mutur tal-kategoriji M u N. Jinkludi wkoll ir-rekwiżiti għall-istallazzjoni ta' komponenti speċifiċi jew sistemi f'dawn il-vetturi. L-għan ewlieni huwa li jassigura t-tħaddim sew tas-suq intern għall-vetturi bil-mutur li jaħdmu bl-idroġenu filwaqt li jipprovdli livell għoli ta' sigurtà pubblika u livell għoli ta' protezzjoni ambjentali.
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tip ta' approvazzjoni ta' vetturi u magni heavy-duty fir-rigward ta' l-Emissjonijiet tagħhom (Proposta Euro VI) (*)	Proposta/Regolament Leġislattiv/a Bażi legali: Art 95 Trattat KE	Il-proposta għandha tapplika għall-vetturi heavy-duty. L-għan ewlieni tal-proposta hija li tistabbilixxi l-limiti Euro VI għall-emissjonijiet li jniġġżu. Dan huwa primarjament għan tas-suq intern, marbut mill-qrib ma' l-għan tal-protezzjoni ambjentali.
Inizjattiva leġislattiva biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO ₂ mill-vetturi light duty	Proposta Leġislattiv/a/Bażi legali: Art 175 Trattat KE	Ambitu: It-tnaqqis ta' emissjonijiet medji CO ₂ u t-titjib ta' l-effiċjenza tal-karburant minn karożżi tal-passiġġieri (M1) u vetturi kummerċjali ħfief (N1) li jinbiegħu fil-25 pajjiż ta' l-UE. Għanijiet: it-tip ta' strument u l-għan ser jiġu stabbiliti billi jitqies: • Il-progress li sar mill-industrija tal-karożżi skond il-ftehimiet volontarji attwali biex jilħqu 140 g CO₂/km fl-2008/9 • L-għan tal-Komunità ta' 120 g CO₂/km sa l-2012 • L-approċċ konsistenti u komprensiv lejn it-tnaqqis tas-CO₂ (li ser jiġi elenkat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fi tmien l-2006)
Ir-reviżjoni tad-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi ta' l-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi	Proposta/Direttiva Leġislattiva Bażi legali: Art 175 Trattat KE	It-twaqqif ta' livelli nazzjonali massimi (kton/year) li għandhom jiġu osservati mill-Istati Membri sa l-2020, Nox, VOC, NH ₃ u Materja primarja f'partiċelli (PM _{2.5}). Biex jitnaqqsu madwar 1.71 miljun sena ta' ħajja mill-espożizzjoni għall-materja f'partiċelli, biex jitnaqqsu mortalitajiet akuti mill-espożizzjoni għall-ożonu sa 2,200 skond il-pożizzjoni fl-2000 u biex titnaqqas it-tneċċ lejn l-ambjent naturali kemm mill-aċidifikazzjoni kif ukoll mill-ewtrofikazzjoni b'55% minn dak teknikament possibbli, emissjonijiet ta' l-SO ₂ ikunu jeħtieġu jonqsu b'madwar 82%, emissjonijiet ta' l-Nox b'madwar 60%, VOCs b'madwar 51%, l-ammonja b'madwar 27% u PM _{2.5} primarja b'madwar 59% imqabbala ma' l-emissjonijiet fl-2000.
Reviżjoni tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-emissjonijiet industrijali (*)	Proposta/Direttiva Leġislattiva Bażi legali: Art 175 Trattat KE	Il-qafas legali tal-Komunità dwar ir-regolamentazzjoni ta' l-emissjonijiet industrijali huwa kumpless u jinkludi l-partijiet ewlenin tal-leġislazzjoni li ġejjin: Id-Direttiva (96/61/KE) dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġiż (IPPC) u għadd ta' Direttivi settorjali, l-aktar id-Direttiva (2001/80/KE) tal-Pjanti l-Kbar ta' Kombustjoni (LCP), Id-Direttiva (2007/6KE) dwar l-Inċinerazzjoni ta' l-Iskart (WI) u d-Direttiva (1999/13/KE) dwar l-Emissjonijiet mis-Solventi (SE) L-interazzjoni bejn dawn l-istrumenti tqanqal għadd ta' kwistjonijiet, per eżempju dwar l-allineament ta' l-ambitu, il-konsistenza tad-definizzjonijiet, l-interazzjoni tar-rekwiżiti operattivi u l-monitoraġġ u r-rappurtaġġ mill-Istati Membri. L-għan ġenerali tar-reviżjoni hija li ssir evalwazzjoni ta' l-ambitu biex jitjeb it-tħaddim tal-qafas legali attwali rigward l-emissjonijiet industrijali u l-interazzjoni bejn il-leġislazzjonijiet varji, filwaqt li ma jinbidlux il-prinċipji bażiċi u l-livell ta' ambizzjoni tal-qafas legali preżenti. B'mod aktar speċifiku, ir-reviżjoni għandha l-għan li: 1. tiċċara ċerti kwistjonijiet legali u tekniċi, billi jitqies ir-riżultat ta' l-Istrateġija Tematiċi 2. jiġu evalwati metodi biex tiġi simplifikata l-leġislazzjoni dwar l-emissjonijiet industrijali biex jitjeb ir-rendiment ambjentali tagħha 3. jiġi evalwat l-użu ta' strumenti bbażati fis-suq jew strumenti oħra biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni attwali u tippromwovi l-innovazzjoni.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi ambjentali tal-KE	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Jeħtieġ li jinġabru l-appoċċi kollha differenti biex titjeb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali fl-Istati Membri. Din l-inizjattiva intlaqgħet bil-ferħ mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kummissjonijiet tal-PE fir-rapport tagħhom dwar l-APS 2007
White Paper dwar in-Nutrizzjoni	Azzjoni/White Paper mhux leġiżlattiva	Dan id-dokument ser jistabbilixxi strateġija dwar in-nutrizzjoni f'livell ta' l-UE. L-għanijiet ser ikunu li jippromwovi stili ta' ħajja b'saħħithom (dieta tajba u livelli oġġli ta' attività fiżika) biex titwaqqaf il-predominanza tal-piż żejjed u l-ħxuna, u l-kundizzjonijiet kroniċi li jikkawżaw kwistjonijiet tal-piż (bħad-dijabete, mard kardjovaskulari, xi kanċers eċċ). L-istrateġija ser iggħib 'il quddiem approċċ komprensiv biex jittjebu l-istili tal-ħajja u jippromwovu approċċi ta' partenarjati għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet. L-istrateġija ser tibni fuq mekkaniżmi eżistenti bħal m'hija l-Pjattaforma ta' l-UE għad-Dieta u l-Attività Fiżika li tipprowovi l-iskambju u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati. L-azzjoni tal-Komunità f'dan il-qasam hija importanti għall-koerenza tas-suq wieħed minħabba li azzjonijiet f'dan il-qasam jistgħu jeffettwaw il-moviment liberu ta' prodotti ta' l-ikel.
Naħdmu flimkien biex intejbu s-sigurtà: Partenarjati Pubbliċi Privati fil-qasam tas-Sigurtà Ewropea	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Il-Komunikazzjoni ser tippreżenta programm ġenerali għall-kooperazzjoni bejn il-pubbliku u l-privat fil-qasam tas-sigurtà, inklużi kwistjonijiet dwar ir-riċerka dwar is-sigurtà, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità, titjib fil-kontrolli tal-fruntieri u l-ġestjoni ta' talbiet għall-viża, u l-protezzjoni tad-data personali.
Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għat-titjib tas-sigurtà ta' l-isplussivi u l-armi tan-nar"	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Jiġi stimulat dibattitu u djalogu ma' l-atturi kollha involuti fis-sigurtà ta' l-isplussivi (esperti minn Europol u ċ-Ċentru ta' Sitwazzjoni, esperti nazzjonali mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Grupp ta' Ffidma tal-Kunsill dwar it-Terroriżmu) li jittqiesu fit-tnejn ta' Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE għat-titjib tas-sigurtà ta' l-isplussivi u l-armi tan-nar.
Komunikazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità elettronika	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Il-kriminalità elettronika huwa qasam fejn hija meħtieġa b'mod urġenti azzjoni koordinata f'livell ta' l-UE. Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jimplimenta l-programm ta' The Hague dwar it-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea, tħabbar li Komunikazzjoni dwar il-Kriminalità elettronika ser tiġi adottata fl-2006. Fl-istess ħin, ittiegħdet id-deċiżjoni li jiġu ppreżentati żewġ Komunikazzjonijiet, waħda dwar il-miżuri preventivi u l-oħra dwar miżuri repressivi. Din ta' l-aħħar, il-Komunikazzjoni pjanata dwar il-kriminalità elettronika għandha tistabbilixxi l-approċċ fil-ġejjieni tal-ġlieda fl-UE kollha kontra l-kriminalità elettronika.
Komunikazzjoni dwar l-istrateġija dwar is-saħħa ta' l-annimali 2007-2013	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Il-Proposta għandha l-għan li: -Tippreżenta l-Politika tal-Komunità dwar is-Saħħa ta' l-Annimali (CAHP). -Tippreżenta għanijiet ċari li jirriflettu l-prijoritajiet tal-klijenti; -Tevalwa l-impatt baġitarju (Perspettivi finanzjarji tal-Komunità 2007-2013); -Tassigura l-koerenza tal-CAHP ma' politiki oħra ta' l-UE u ftehimiet internazzjonali (SPS); -Timminimizza l-piż regolatorju; -Tippovdi l-CAHP b'baġit xieraq u strument finanzjarju adegwat.
Regolament 1774/2002 dwar prodotti sekondarji għall-annimali	Proposta/Regolament Leġiżlattiv/a Bażi legali: Art 152 KE Trattat u Art 35 tar-Reg 1774/2002	L-għan ewlieni huwa li ssir revizzjoni tar-regoli tas-saħħa fuq ABPs billi titqies l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament 1774/2002. It-tneħħija tad-dispożizzjonijiet sproporzjonati u l-kjarifika ta' l-ambitu tar-Regolament għandhom iwasslu għal test ċar, li jagħmel il-miżuri aktar effettivi u effiċjenti. Ir-reviżjoni ser tnaqqas il-piż mhux meħtieġ u l-impatti negattivi, iżżid il-benefiċċji billi tissimplifika u tevita d-duplikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet u l-operaturi nazzjonali.
Komunikazzjoni dwar id-donazzjoni u t-trapjant ta' l-Organj	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	It-trapjant ta' l-organi hija attwalment teknika komuna użata fil-mediċina. It-trapjanti huma f'ħafna każi l-uniċi trattamenti biex jiġi evitat li dawn ma jirnexxux. Dan il-proċess mhuwiex mingħajr riskju għad-donatur u għal min jirċievi l-organi. Il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 152 tat-Trattat ta' Amsterdam, għandha d-dritt li tistabbilixxi l-miżuri neċessarji biex ikun hemm standards għolja ta' kwalità u sigurtà ta' l-organi. It-trapjant ta' l-organi huwa qasam kumpless ħafna li jista' biss jiġi indirizzat billi jittqiesu l-

		elementi kollha.
Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-segwitu tal-Green Paper dwar "L-Adattament tal-Liġi tax-Xogħol li jassigura flessibilità u sigurtà għal kulħadd"	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Segwitu mill-Kummissjoni dwar il-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Green Paper ta' l-2006 dwar il-futur tal-liġi tax-xogħol. Ser tiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika u telenka d-direzzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jwasslu għall-inizjattivi leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi.
Reviżjoni tad-Direttiva 88/378/KE dwar is-sigurtà tal-ġugarelli (*)	Proposta/Direttiva Leġiżlattiva Bażi legali: Art 95 Trattat KE	L-għanijiet politiċi ewlenin huma s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali, it-titjib tas-sigurtà tal-ġugarelli billi jiġu ċċarati r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa, it-titjib tat-tħaddim tas-Suq Intern billi jiġu żviluppati kundizzjonijiet għall-approċċ komuni aħjar mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.
Deċiżjoni Qafas (jew Deċiżjoni) dwar il-protezzjoni ta' xhieda u individwi li jikkooperaw mal-proċess ġudizzjarju	Proposta/Deċiżjoni Leġiżlattiva Bażi legali: Art 31(10) Trattat UE u Art 61 Trattat KE	F'xi oqsma tal-kriminalità, bħal ma hija l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, hemm riskju akbar li x-xhieda jkunu suġġetti għall-intimidazzjoni. Il-persuni kollha għandhom id-dmir ċiviku li jagħtu evidenza sinċera bħala xhieda, jekk dan huwa meħtieġ mis-sistema tal-ġustizzja kriminali, għandu jingħata wkoll rikonoxximent akbar lid-drittijiet u l-ħtiġijiet tagħhom, inkluż id-dritt li ma jkunux suġġetti għal kull interferenza jew li jitqegħdu f'riskju personali. L-Istati Membri għandhom id-dmir li jipproteġu x-xhieda kontra interferenza bħal din billi jipprovdulhom miżuri speċifiċi ta' protezzjoni mmirati biex jassiguraw b'mod effettiv is-sigurtà tagħhom.
Erasmus Mundus II: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm għat-titjib fil-kwalità fl-edukazzjoni għolja u l-promozzjoni tal-ftehim interkulturali b'kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi	Proposta/Deċiżjoni Leġiżlattiva Bażi legali Art 149 Trattat KE	L-għan globali huwa li titkattar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-imsieħba ta' l-iżvilupp wiesa' uman u soċjali permezz ta' skema internazzjonali ta' boroż ta' studju li tagħmel l-edukazzjoni għolja Ewropea aktar attraenti madwar id-dinja, tippromwovi l-preżenza tagħha fix-xena internazzjonali ta' l-edukazzjoni għolja, tinkoraġixxi t-titjib tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja u l-promozzjoni ta' l-għarfien interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.
Komunikazzjoni dwar Żona ta' Riċerka Ewropea – Orizzonti ġodda u passi 'l quddiem	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Il-Komunikazzjoni tirrappreżenta t-tnedija ta' inizjattiva ewlenija dwar iż-Żona ta' Riċerka Ewropea. Ser tevalwa l-progress li sar lejn ERA mindu tnediet fl-2000, billi tevalwa s-suċċessi u l-fallimenti u tesplora ideat ġodda billi tqis żviluppi bħall-ERC, eċċ u tiddefinixxi azzjonijiet possibbli ġodda f'termini konkreti. Il-COM ser tiġi ppreżentata lill-Kunsill, lill-Parlament u lill-pubbliku, biex isir dibattitu, bil-għan li jiġu ppreżentati proposti għal inizjattivi konkreti għal COM oħra fl-2008 fil-kuntest tar-reviżjoni tal-perspettivi finanzjarji kif ukoll biex tneji t-trq għall-FP8.
Komunikazzjoni dwar reviżjoni f'Nofs it-Terminu ta' l-Istrateġija dwar ix-Xjenzi tal-Ħajja u l-Bioteknoloġija	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Il-ħtieġa li terġa' ssir enfasi u konċentrazzjoni ta' l-azzjonijiet fuq kwistjonijiet li huma a) relevanti u b) fejn azzjoni komuni għandha l-mezzi biex tagħmel id-differenza. Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati r-riżultati konkreti assenjati għall-azzjonijiet, li għandhom jippermettu monitoraġġ iktar bir-reqqa u l-evalwazzjoni ta' l-Istrateġija attwali għas-snin li ġejjin, u jgħin biex ikun hemm riflessjoni għall-inizjattivi possibbli wara l-2010 Din ir-reviżjoni ser ikollha l-appoġġ ta' studju dwar l-isfidi, il-konsegwenzi u l-opportunitajiet tal-bioteknoloġija fl-Ewropa li ser isir mill-JRC f'April 2007 (<i>Bio4EU study</i>).
Komunikazzjoni dwar reviżjoni f'nofs it-Terminu dwar l-implimentazzjoni ta' l-Aġenda Soċjali (2005-2010)	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Il-Komunikazzjoni ser ikollha l-għan li tevalwa l-implimentazzjoni ta' l-Aġenda Soċjali, b'mod partikolari sa fejn sar kontribut għat-twettiq ta' l-għanijiet soċjali ta' l-UE biex ikun hemm iktar impjiegi ta' kwalità aħjar u biex ikun hemm opportunitajiet l-istess għal kulħadd. Fid-dawl ta' din l-evalwazzjoni, ser tipproponi aġenda ġdida għall-aċċess u s-solidarjetà, u jekk neċessarju tindika li ssir enfasi mill-ġdid fuq il-prijoritajiet fl-oqsma ta'

		L-impjieggi u dawk soċjali u telenka b'mod dettaljat il-metodi kif titjeb it-tmexxija u l-implimentazzjoni ta' l-Aġenda għas-snin li ġejjin.
Pjan għat-teknoloġiji Strateġiċi ta' l-Enerġija	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	Il-Pjan għat-Teknoloġiji Strateġiċi ta' l-Enerġija għandu jgħin biex iħaffef l-iżvilupp ta' teknoloġiji enerġetiċi li jippromettu u biex joħloq il-kundizzjonijiet biex dawn it-teknoloġiji jasu fis-suq.
Proposti leġislattivi ġodda li jemendaw il-qafas regolatorju għal networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (*)	Proposta/Direttiva Leġislattiva Bażi legali: Art 95 Trattat KE	L-għan ewlieni tal-proposti leġislattivi huwa li titjeb il-kapaċità tal-qafas attwali biex jilħaq l-għanijiet inizjali tiegħu billi jiġu proposti adattamenti li jqisu l-esperjenza attwali u t-tibdiliet teknoloġiċi u previsti fis-suq fil-ġejjieni. Il-ħolqien ta' suq wieħed kompetittiv għal servizzi u networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Ewropa bl-għan aħħari li jkun hemm benefiċċji għaċ-ċittadini.
Green Paper dwar Servizz Universali fil-Komunikazzjonijiet Elettroniċi	Azzjoni/Green Paper mhux leġislattiva	Il-Komunikazzjoni dwar ir-Revizzjoni tal-Qafas Regolatorju ta' l-UE għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi tad-29 ta' Ġunju 2006 (COM(2006) 334) ipproponiet biss xi emendi żgħira għad-Direttiva (2002/22/KE) tas-Servizz Universali li ħabbret li l-Kummissjoni ser tippubblika Green Paper dwar is-servizz universali fl-2007 biex jitnieda dibattitu pubbliku wiesa' biex jirrifletti r-rwol u l-kunċett tas-servizz universali fis-seklu 21. Il-Green Paper tista' twassal għall-proposti leġislattivi fl-2008 (skond l-iskeda stipulata fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar is-Servizz Universali).
Strateġija Ewropea dwar l-Inklużjoni Elettronika	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	Fid-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar l-Inklużjoni Elettronika li saret f'Riga fl-2006, l-Istati Membri se jhu lill-Kummissjoni biex fl-2007 toħroġ b'approċċ koerenti dwar l-Inklużjoni Elettronika fi ħdan il-qafas ta' l-2010. Din il-Komunikazzjoni ser tfisser element ewlieni biex ikun ċar dak li l-Kummissjoni timpenja ruħha li tagħmel rigward id-dimensjoni taċ-ċittadin u s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni. Ser tippromovi strateġija għall-Inklużjoni Elettronika li tagħmel enfasi fuq l-opportunitajiet ġodda għall-persuni soċjalment żvantaġġjati u għall-oqsma inqas vantaġġjati biex isir kontribut lejn koeżjoni ekonomika, naturali u territorjali.
Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ tat-TV Mobile fis-Suq Intern	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	Il-Mobile TV ser joffri servizzi ġodda u eċċitanti bħal m'huwa l- <i>live TV</i> , <i>time-shifted TV</i> kif ukoll xandir b'kontenut awdjoviżiv <i>on demand</i> . Din hija opportunità reali għall-Ewropa. It-taħlita fuq il-Mobile TV tal-mobilità u konsum personalizzat <i>on demand</i> ser tkun tista' tilqa' għad-domanda dejjem tiżdied tal-konsumaturi għal għażla ikbar u aktar trattament individwali. Din il-Komunikazzjoni għalhekk għandha l-għan li tappoġġja l-introduzzjoni u l-adozzjoni tal- <i>mobile TV</i> ma' l-UE kollha billi tindirizza tliet kwistjonijiet ewlenin: (i) jiġi assigurat li spektrum suffiċjenti armonizzat huwa disponibbli (ii) l-aspetti tekniċi u l-istandardizzazzjoni (iii) kontribuzzjoni għal ambjent regolatorju li jwassal għal investiment u innovazzjoni fis-settur
Komunikazzjoni dwar netwerk ferrovjarja immirata għall-merkanzija	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	It-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija mhux ser ikompli jiżviluppa jekk ma jkunx iktar effiċjenti u jekk ma joffrix kwalità ta' servizz aħjar. Anki jekk il-ftuħ attwali tas-swieq jiffavorixxu d-dinamiżmu tiegħu, jeħtieġu jittieħdu miżuri oħra biex jistimulaw aktar is-settur. Il-Komunikazzjoni ser tippreżenta pjan ta' azzjonijiet biex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' netwerk mmirata għall-ġarr tal-merkanzija li tkun tista' twassal fit-tul għall-iżvilupp ta' netwerk li tkun immirata għall-ġarr tal-merkanzija.
Pjan ta' Azzjoni Loġistika dwar it-Trasport ta' Merkanzija	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	Din il-Komunikazzjoni ser telenka l-azzjonijiet ikkunsidrati meħtieġa biex ikun hemm użu aħjar ta' infrastrutturali tat-trasport u loġistika aħjar fl-Ewropa. Sett ta' azzjonijiet ser ikunu meħtieġa fil-livell baxx u f'dak leġislattiv. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu s-soluzzjoni tax-xkiel li jinholq fil-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, l-iżvilupp ta' interoperabilità ICT li ttejjeb il-koordinazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku ta' taħriġ loġistiku eċċ. Jirrappreżentaw segwitu għall-Komunikazzjoni dwar il-loġistika tat-trasport tal-merkanzija ta' Ġunju 2006 li nediet konsultazzjoni wiesgħa dwar is-suġġett.
Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' azzjoni NAI-DES dwar	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġislattiva	Din il-komunikazzjoni ser tikkunsidra l-istat ta' progress tal-programm ta' azzjoni NAI-DES adottat mill-Kummissjoni f'Jannar 2006. Dan il-programm ta' azzjoni jipprovdi għall-azzjonijiet fl-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Il-Komunikazzjoni ser tfares

Trasport fil-kanali interni		Iejn il-qagħda attwali ta' dawn l-azzjonijiet. Ser tindirizza wkoll il-kwistjoni tal-kundizzjonijiet qafas legali u finanzjarji meħtieġa biex jappoġġja t-trasport fil-kanali interni.
Komunikazzjoni dwar Politika dwar il-Portijiet Ewropej	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Il-Komunikazzjoni ser telenka r-riżultati tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati u l-miżuri possibbli li għandhom ikunu proposti. Sitt <i>workshops</i> ta' konsultazzjoni mal-partijiet intessati ppjanati għall-perjodu Novembru 2006 – Mejju 2007. Kwistjonijiet għad-diskussjoni huma, <i>inter alia</i> : ir-relazzjonijiet mal-fornituri tas-servizz (kompetizzjoni ġusta, konċessjonijiet, il-pożizzjoni ta' l-awtoritajiet portwali), xkiel operattiv fil-portijiet (l-immaniġġjar tal-merkanzija u l-kapaċità, servizzi tekniċi/nawtiċi), żvilupp sostenibbli tal-kapaċità tal-port u kwistjonijiet ambjentali, kwistjonijiet ta' politika tat-trasport ġenerali, kooperazzjoni interportwali, finanzjament tal-port (Għajnuna statali, trasparenza tal-kontijiet u l-awtonomija finanzjarja tal-portijiet), xkiel operattiv barra l-port (konnessjonijiet mal- <i>hinterland</i> , dwana, loġistika), kompetittività tas-swieq mhux tal-UE, imġiba pro-attiva tas-settur portwali u dehra pożittiva tal-portijiet marittimi.
Proposta leġiżlattiva dwar l-infurzar transkonfinali tas-sanzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà fit-toroq	Proposta/Regolament Leġiżlattiv/a Bażi legali: Art 71 u 156 Trattat KE	Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-infurzar fil-qasam tas-sigurtà fit-toroq (2004/345/KE) il-Kummissjoni impenjat ruħha li tissottometti proposta għal direttiva dwar l-infurzar li tikkontribwixxi ma' l-għan ta' tnaqqis ta' 50% tan-numru annwali ta' mwiet fit-toroq fl-2010. L-infurzar hija kwistjoni ewlenija biex jitnaqqas in-numru ta' inċidenti. Mandankollu, mingħajr azzjoni fil-livell ta' l-UE, is-sanzjonijiet spiss ma jgħux infurzati għal dawk li mhumieq residenti u li jksru l-liġi tat-traffiku. Il-proposta li qed tiġi eżaminata tiffoka prinċipalment fuq it-twaqqif ta' sistema ta' infurzar transkonfinali li tassigura li l-ksur ta' liġi mwettaq fi Stat Membru minn sewwieqa ta' Stat Membru ieħor jista' jkollu segwitu.
Komunikazzjoni dwar il-kumplementarjetà, it-tqassim tax-xogħol u ż-żieda ta' l-għajnuna ta' żvilupp	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	L-UE impenjat ruħha li żżid il-kwantità ta' l-għajnuna li tagħti (kemm fondi komunitari kif ukoll bilaterali) f'parallel maż-żieda mħabbra tal-livelli tagħha ta' ODA. Biex tagħmel dan, l-UE adottat Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effettività ta' l-Għajnuna li jinkludi 9 miżuri li jridu jiġu implimentati qabel l-2010. Waħda mill-miżuri hija li tindirizza d-duplikazzjonijiet, in-nuqqasijiet, in-nuqqas ta' sinerġiji bejn id-donatori ta' l-UE li jxekklu l-impatt ta' l-għajnuna ta' l-UE u jfissru spejjeż mhux meħtieġa ta' tranżazzjoni. Il-Komunikazzjoni tirrappreżenta l-kisba ta' proċess strutturat ma' l-Istati Membri li għandu l-għan li jistabbilixxi sett ta' prinċipji operattivi dwar it-tqassim tax-xogħol. Jinkludi wkoll elementi dwar l-użu strateġiku ta' kofinanzjament biex jappoġġja l-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji.
Green Paper dwar it-twaqqif tat-tieni fażi tas-Sistema Komuni Ewropea ta' Kenn Politiku.	Azzjoni/Green Paper mhux leġiżlattiva	Jiġi stimulat dibattitu u djalogu mal-partijiet kollha involuti fil-politika dwar il-kenn politiku li ser jitqiesu fit-tnejn ta' l-istrumenti legali tat-tieni fażi li ser tiġi proposta mill-Kummissjoni biex tikkompleta l-Politika Komuni Ewropea ta' Kenn Politiku sa l-2010.
Komunikazzjoni dwar ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-Green Paper dwar id-difiża kummerċjali	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Din il-Komunikazzjoni ser tislet konklużjonijiet fid-dawl tal-konsultazzjoni pubblika dwar il-Green Paper dwar l-istrumenti ta' difiża kummerċjali mħabbra fil-Komunikazzjoni Ewropa Globali. Fuq il-bażi tas-sottomossjonijiet mill-partijiet interessati, l-awtoritajiet u partijiet oħra interessati, il-Komunikazzjoni ser tidentifika l-konklużjonijiet ewlenin u l-azzjonijiet ta' segwitu.
Regolament tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenza tat-tariffi ġeneralizzati – it-tieni ċiklu ta' l-iskema GSP għall-2009-2011	Proposta/Regolament Leġiżlattiv/a Bażi legali: Art 133 Trattat KE	L-implimentazzjoni tat-tieni ċiklu (għall-perjodu mill-2009 sa l-2011) ta' l-iskema GSP tal-Komunità, skond il-linji gwida ta' għaxar snin li jgħibu fl-aħjar livell il-kundizzjonijiet għall-prodotti li joriġinaw minn pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ikollhom aċċess għas-suq ta' l-UE.
Komunikazzjoni dwar rendikont tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Il-Kummissjoni ser tipprepara komunikazzjoni li tevalwa l-istat tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika (fosthom l-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika u l-Istrateġija Konġunta UE-Afrika).
L-indirizzar tat-theddid transreġjonali għas-sigurtà permezz ta' Strument ta' Stabilità	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Minħabba l-approvazzjoni ta' l-Istrument ta' Stabilità, il-Komunikazzjoni ser tevalwa l-isforzi ta' l-UE dwar l-għajnuna mmirati biex inaqqsu u jkun hemm prevenzjoni tat-theddid għas-sigurtà u ser tagħmel proposti biex titjieb l-effettività u l-koerenza ta' l-għajnuna esterna ta' l-UE f'oqsma relatati mal-politika tas-sigurtà. Ser tipproponi modi li jikkumplementaw l-azzjonijiet fl-livelli

		nazzjonali u reġjonali b'qafas speċifiku ta' risposti għall-isfidi ta' natura globali jew transreġjonali. Il-Kummissjoni ser tagħmel segwitu ta' inizjattivi preċedenti tal-Kummissjoni (bħal ma huma sforzi fi ħdan il-qasam tal-prevenzjoni tal-kunflitt, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-JLS, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Riforma fis-Sistema tas-Sigurtà, eċċ.)
Ftehimiet Globali ma' pajjiżi ta' l-ASEAN	Proposta/Deċiżjoni Leġiżlattiva Bażi legali: Art 181 Trattat KE	Proposta għal deċiżjoni biex jiġu konklużi Ftehimiet Qafas għal sħubija u kooperazzjoni ma' Singapore, it-Tajlandja, l-Indoneżja (l-1 sitt xhur), il-Malażja u l-Filippini (it-2 sitt xhur). Proposta ta' direttivi negozjati għall-Ftehimiet Qafas għal sħubija u kooperazzjoni mal-Vjetnam, il-Kamboġja u l-Laos (l-1 sitt xhur). Proposta ta' direttivi negozjati għall-adeżjoni mat-Trattat ASEAN ta' Fbiberija u Kooperazzjoni.
Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija	Azzjoni/Komunikazzjoni mhux leġiżlattiva	Komunikazzjoni dwar l-orjentamenti wiesgħa li ser jispiraw il-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fuq il-bażi ta' l-Istrument Ewropew futur dwar id-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem
Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u għad-dokumenti tal-Kummissjoni	Proposta/Regolament Leġiżlattiv/a Bażi legali: Art 255 Trattat KE	L-għan tar-Regolament propost huwa li jtejjeb ir-Regolament 1049/2001 billi titqies l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tiegħu, il-każistika li żviluppat fl-aħħar snin u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika li ser issir fi tmien l-2006.
White Paper dwar il-Komunikazzjoni: proposti operattivi	Azzjoni/White Paper mhux leġiżlattiva	L-ambitu tal-proposti operattivi huwa li jiddefinixxi pjanijiet ta' azzjoni konkreti ma' miżuri finanzjarji fuq il-bażi ta' proposti ddefiniti fir-rapport finali dwar is-segwitu tal-White Paper dwar il-punti li ġejjin: - id-definizzjoni ta' prinċipji komuni; Strument istituzzjonali ġdid għall-komunikazzjoni; - l-għoti ta' poter liċ-ċittadini - postijiet Ewropej ta' laqgħat; - ħidma mal-midja u teknoloġiji ġodda; - għarfien ta' l-opinjoni pubblika Ewropea, u - ħidma li ssir flimkien: lejn sħubija għda dwar komunikazzjoni ta' l-UE"

(60 inizjattiva)(*) inizjattivi li jikkontribwixxu wkoll għall-programm ta' simplifikazzjoni

INIZJATTIVI TA' SIMPLIFIKAZZJONI

Titolu	Tip ta' azzjoni ta' simplifikazzjoni	Deskrizzjoni ta' l-ambitu u l-oġġettivi
Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni tas-suq komuni ta' l-inbid	Reviżjoni	Ir-riforma ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni għall-inbid għandha prinċipalment l-għan: • li żżid il-kompetittività tal-produtturi ta' l-inbid ta' l-UE; • li toħloq reġim ta' inbid li jopera permezz ta' regoli ċari u sempliċi li jassiguraw bilanċ bejn il-provvista u d-domanda; u • li toħloq reġim ta' l-inbid li jħares l-aħjar tradizzjonijiet tal-produzzjoni ta' l-inbid ta' l-UE u ssaħħaħ in-nisġa soċjali u ambjentali taż-żoni rurali. Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill kienet preċeduta mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistipula l-orjentamenti għal-leġislazzjoni (COM (2006) 319 finali tat-22 ta' Ġunju 2006).
Rapport tal-cross compliance u l-proposti leġislattivi rilevanti għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni	Reviżjoni	Rapport bil-proposti leġislattivi xierqa dwar l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' cross compliance tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għall-iskemi diretti ta' appoġġ
Regolament tal-Kunsill dwar l-informazzjoni u azzjoni ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli	Thejijja mill-ġdid	L-għan ta' din l-inizjattiva hija li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet, il-proċeduri u l-kontrolli fil-qasam tal-kofinanzjament ta' programmi ta' informazzjoni u tal-promozzjoni ta' prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi. L-inizjattiva ser tfisser tnaqqis ta' 4 regolamenti attwali dwar il-promozzjoni tal-prodotti agrikoli (2 tal-Kunsill u 2 tal-Kummissjoni) f'2 regolamenti (1 tal-Kunsill u 1 ta' applikazzjoni tal-Kummissjoni).
Emenda tar-regoli dwar l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' esportazzjoni	Reviżjoni	L-abbozzar mill-ġdid ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 ser jikkjarafika li (għal raġunijiet ta' effiċjenza) il-verżjonijiet elettroniċi taċ-ċertifikati li hemm referenza għalihom fl-Art. 19 jista' jiġi sottomess lill-Korp li joħorġu minflok lill-importatur/esportatur.
Regolament tal-Kummissjoni 800/1999 dwar xhieda ta' importazzjoni għar-rifużjonijiet differenzjati	Reviżjoni	Għall-pagament ta' rifużjonijiet differenzjati l-esportaturi għandhom jissottomettu kopja tad-dokument ta' importazzjoni tad-dwana tal-pajjiż terz konċernat, li jipprova li l-prodotti huma importati għall-użu domestiku u li d-dazji kollha ta' importazzjoni tħallsu. F'xi pajjiżi terzi, prova bħal din tista' tinkiseb biss bi spiża eċċessiva u ma teżistix fiż-żoni liberi.
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 917/2004 dwar it-trobbija tan-naħal	Reviżjoni	L-għan huwa li l-Istati Membri jingħataw flessibilità akbar biex jadattaw l-allokazzjonijiet finanzjarji, billi jippermettu twettiq aħjar tal-programm u jibbenefikaw aktar il-kundizzjonijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni f'dan is-settur. Att awtonomu tal-Kummissjoni
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2808/98 u l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 (ġrajjiet operattivi u rati tal-kambju)	Reviżjoni	Il-proposta hija dwar l-armonizzazzjoni ta' ġrajjet operattivi u rati tal-kambju fis-setturi differenti tal-CAP, dwar l-ammonti, il-prezzijiet u l-għajnuniet li jiġu kkonvertiti f'euros jew f'xi munita oħra nazzjonali ta' l-Istati Membri. Ir-revoka ta' ċerti regolamenti settorjali u modifika tar-Regolament (KE) Nru 2808/98 biex tintuża rata tal-kambju waħda minflok rata medja għall-ammonti li qed jiġu kkunsidrati. Att awtonomu tal-Kummissjoni
Simplifikazzjoni ta' strumenti agrikoli perjodiċi standard	Reviżjoni	L-għan huwa li jinbidlu ħafna regoli settorjali b'oħrajn orizzontali u ssir simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' ġestjoni permezz tal-modifika ta' strumenti agrikoli perjodiċi dwar: - l-Allokazzjoni ta' kwantitajiet ta' kwoti tat-tariffi ta' l-importazzjoni - Proċeduri ta' offerti għal rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni - Proċeduri ta' offerti għal ħażna pubblika - l-Iffissar ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni (inkluż l-osservanza ta' l-impenji tad-WTO)

		Att awtonomu tal-Kummissjoni
Regoli orizzontali għal ħażna privata ta' prodotti agrikoli	Reviżjoni	L-għan huwa li jinbidlu l-ħafna regoli settorjali b'oħrajn orizzontali u jiġu simplifikati mekkaniżmi ta' tmexxija dwar il-ħażna privata ta' prodotti agrikoli. Huwa ppjanat li ssir reviżjoni legali tad-dispożizzjonijiet settorjali eżistenti biex jiġu eliminati dispożizzjonijiet mhux meħtieġa u tiġi armonizzata s-sistema ta' ħażna privata, u jiġi adottat regolament orizzontali għar-regoli dwar il-ħażna privata. Att awtonomu tal-Kummissjoni
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2295/2003 dwar l-ittikkettar tal-bajd	Reviżjoni	Ir-Regolament ta' implimentazzjoni eżistenti (KE) Nru 2295/2003 ser jiġi abbozzat mill-ġdid biex jitqiesu t-tibdiliet introdotti mir-Regolament il-ġdid tal-Kunsill (KE) Nru 1028/2006. Att awtonomu tal-Kummissjoni
Regoli orizzontali dwar proċeduri ta' kkuntrattar għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli	Reviżjoni	L-għan huwa li jinbidlu ħafna regoli settorjali u jiġu simplifikati mekkaniżmi ta' tmexxija dwar il-proċeduri ta' offerti dwar rifużjonijiet ta' esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli, permezz ta' l-adozzjoni ta' regolament armonizzat għall-proċedura ta' l-offerti dwar rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli. Att awtonomu tal-Kummissjoni
Regoli orizzontali dwar kwoti tat-tariffi ta' l-importazzjoni mmexxija permezz ta' sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni	Reviżjoni	L-għan huwa li jinbidlu l-ħafna regoli settorjali b'oħrajn orizzontali u jiġu simplifikati l-mekkaniżmi ta' tmexxija dwar il-kwoti tat-tariffi ta' l-importazzjoni immexxija minn sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ħlief għall-banana) permezz ta' reviżjoni legali tad-dispożizzjonijiet legali eżistenti biex jiġu eliminati dispożizzjonijiet mhux meħtieġa u jiġu armonizzati r-regolamenti li jifflu l-kwoti ta' importazzjoni. Att awtonomu tal-Kummissjoni
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2005 dwar l-organizzazzjoni Komuni tas-suq ta' l-għalf niexef	Reviżjoni	L-għan huwa li jiġi emendat ir-Regolament ta' implimentazzjoni biex jonqsu l-obbligi għal dawk li mhumx proċessuri (bdiewa u s-settur tal-qiegħ) skond ir-regolament u biex jitneħħew dispożizzjonijiet skaduti. Att awtonomu tal-Kummissjoni
Regolamenti ta' Eżenzjoni ġenerali sħiħa fl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajjuna reġjonali, SME, R&D, għajjuna ambjentali, impjegi, taħriġ.	Reviżjoni	Ir-regolament ġdid dwar Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER) ser ikopri oqsma li diġà kienu koperti minn eżenzjonijiet ġenerali sħaħ dwar it-taħriġ, l-impjegi, SME, u oqsma ġodda bħall-innovazzjoni, l-ambjent, il-kapital ta' riskju u l-għajjuna reġjonali. Għajjuna Statali koperta minn dan il-GBER m'għandiex tkun notifikata lill-Kummissjoni. Il-GBER ser jiġbor id-dispożizzjonijiet kollha dwar l-għajjuna statali li huma eżentati mill-obbligu ta' notifika f'dokument wieħed u billi jżid l-għadd ta' każi li huma eżentati minn notifika minn qabel, billi b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istat Membru.

Notifika dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rkupru	Reviżjoni	Eżekuzzjoni iktar effettiva ta' deċiżjonijiet ta' rkupru minn Stati Membri ġiet identifikata bħala għan prijoritarju fil-pjan ta' azzjoni dwar l-għajjnuna Statali Din in-notifika għandha ttiprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif għandhom jassiguraw li d-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-Kummissjoni jiġu eżegwiti kif xieraq.
Implimentazzjoni tar-regolament, aspetti proċedurali ta' l-għajjnuniet statali	Thejijja mill-ġdid	Ir-regolament ta' implimentazzjoni jipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar għadd ta' proċeduri speċifiċi ta' l-għajjnuna Statali (notifika, kalkolu ta' l-interessi ta' rkupru, rappurtar). L-għan huwa li - Ir-Regolament ta' implimentazzjoni 2004 jiġi adattat biex jakkomoda l-użu ikbar ta' skambji elettroniċi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. - Jirrevedi d-dispożizzjonijiet dwar l-interessi ta' rkupru biex jinġabu konformi mar-realtà ekonomika; - Issir reviżjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtaġġ annwali biex ikun hemm trasparenza u monitraġġ.
Revoka tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/368/ dwar sistema għall-komparabilità ta' edukazzjoni vokazzjonali u kwalifiki tat-taħriġ (VET)	Revoka	Wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni Qafas tal-Kunsill u l-PE dwar Qafas dwar il-Kwalifiki Ewropej COM92006)479, id-Deċiżjoni saret skaduta u m'għadiex sostenibbli, l-aktar minħabba l-iżvilupp mgħaġġel tal-kwalifiki.
Reviżjoni tad-Direttiva 2001/23/KE "Trasferiment ta' Impriżi"	Reviżjoni	L-għan ewlieni huwa li tiġi ċċarata u simplifikata l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23/KE għall-operazzjoni transkonfinali u l-introduzzjoni ta' emendi, wara konsultazzjoni ma' l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali.
Kodifikazzjoni tad-Direttiva 89/655/KEE u l-emendi tagħha, Direttivi 95/63/KE u 2001/45/KE, dwar ir-rekwiżiti minimi ta' saħħa u sigurtà fl-użu ta' apparat ta' xogħol fuq il-post tax-xogħol	Kodifikazzjoni	Kodifikazzjoni.
Reviżjoni tad-Direttiva 88/378/KE dwar is-sigurtà tal-ġugarelli	Thejijja mill-ġdid	L-għanijiet politiċi ewlenin huma s-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni attwali, it-titjib tas-sigurtà tal-ġugarelli billi jiġu ċċarati r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa, it-titjib tat-tħaddim tas-Suq Intern billi jiġu żviluppati kundizzjonijiet għall-approċċ komuni aħjar mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni fis-seħħ.
Proposta għal Regolament tal-PE u l-Kunsill dwar it-tip ta' approvazzjoni ta' vetturi u magni heavy-duty rigward l-emissjonijiet tagħhom (proposta Euro VI)	Reviżjoni	Standards armonizzati dwar l-emissjonijiet tal-vetturi ilhom għal żmien twil fattur tal-politika ta' l-UE. It-tħaddim tajjeb tas-suq wieħed fl-Unjoni Ewropea jeħtieġ standards komuni li jillimitaw l-emissjoni ta' sustanzi atmosferiċi li jniġġzu mill-vetturi bil-mutur Il-proposta għandha tapplika għall-vetturi heavy-duty. L-għan ewlieni tal-proposta hija li tistabbilixxi l-limiti Euro VI għall-emissjonijiet li jniġġzu. Il-proposta ser tirrevoka erba' direttivi.
Simplifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE dwar Prodotti Kożmetiċi	Thejijja mill-ġdid	L-għan ta' din il-proposta huwa li terġa titħejja leġislazzjoni dwar prodotti kożmetiċi, bħala parti minn strateġija iktar ġenerali ta' simplifikazzjoni dwar il-prodotti. Bħala tali, tħabbret fil-komunikazzjoni ta' simplifikazzjoni ta' l-2005.
Abbozz mill-ġdid ta' Direttiva 89/106/KEE dwar Prodotti ta' Kostruzzjoni	Thejijja mill-ġdid	L-għan ta' din il-proposta huwa li jiċċara l-ambitu u l-oġġetti tad-Direttiva eżistenti u li jissimplifika l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni, billi jassigura t-tħaddim tajjeb tas-suq intern għall-prodotti ta' kostruzzjoni, filwaqt li jiġu evitati ċerti limitazzjonijiet u obbligi, per eżempju l-ispejjeż amministrattivi, li huma sproporzjonati mal-benefiċċji mistennija. .

Revoka ta' Direttiva 84/539/KEE dwar l-apparat elettro-mediku użat fil-mediċina umana jew veterinarja	Revoka	Din id-Direttiva saret skaduta. L-istandard applikabbli speċifikat fl-Anness imur lura għall-1979. Hemm l-intenzjoni li jitwessa' l-ambitu tad-Direttiva 93/42/KE dwar tagħmir mediku li attwalment jindirizza biss it-tagħmir mediku għall-bnedmin li jestendi għat-tagħmir veterinarju.
Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-emissjonijiet industrijali	Thejijja mill-ġdid	L-għan huwa li jitjieb il-qafas legali attwali dwar l-emissjonijiet industrijali, u biex jirrazzjonalizza l-interazzjoni bejn il-leġiżlazzjonijiet varji, filwaqt li ma jinbidlux il-prinċipji bażiċi u l-livell ta' ambizzjoni tal-qafas legali attwali. Dwar l-ambitu ta' l-inizjattiva attwali, din tinkludi r-reviżjoni tad-Direttiva 96/61/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġiż (IPPC) u l-leġiżlazzjoni relatata dwar l-emissjonijiet industrijali (Direttiva 2001/80/KE dwar impjanti ta' kombustjoni, Direttiva 2000/76/KE dwar l-inċinerazzjoni ta' l-iskart, Direttiva 1999/13/KE dwar l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet).
Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000 dwar skema ta' l-għoti ta' tikketta ekoloġika tal-Komunità	Thejijja mill-ġdid	It-thejijja mill-ġdid għandha l-għan li jitjieb sostanzjalment il-profil politiku u b'hekk l-adozzjoni taż-żewġ strumenti volontarji. It-tibdiliet ser jiffukaw fuq is-sustanza b'attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet ta' l-SMEs, l-istruttura istituzzjonali u r-rabti ma' strumenti politiċi oħra b'mod partikolari l-Kuntratti Pubbliċi dwar l-Ambjent. L-għan huwa li tinħoloq sistema iktar faċli biex tintuża mill-impriżi bl-involvement tal-partijiet interessati ewlenin fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet, titqabbad entità esterna dedikata fl-iżvilupp tar-rutina tal-kriterji, ikun hemm rabta mill-qrib bejn l-Eko-tikketta mal-Kuntratti dwar l-Ambjent u jtnaqqas il-piż proċedurali għall-Kummissjoni.
Reviżjoni ta' Regolament (KE) 761/2001 li jippermetti l-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema ta' eko-ġestjoni u awditjar (EMAS)	Thejijja mill-ġdid	It-thejijja mill-ġdid għandha l-għan li jitjieb sostanzjalment il-profil politiku u b'hekk l-adozzjoni taż-żewġ strumenti volontarji. It-tibdiliet ser jiffukaw fuq is-sustanza b'attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet ta' l-SMEs, l-istruttura istituzzjonali u r-rabti ma' strumenti politiċi oħra b'mod partikolari l-Kuntratti Pubbliċi dwar l-Ambjent. L-għan huwa li jkun aktar attraenti għall-SMEs billi jnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji, jissimplifika l-aċċess għall-EMAS għall-gruppi ta' kumpaniji u jonqsu r-rekwiżiti proċedurali billi tinqata' l-burokrazija.
Evalwazzjoni tad-Direttivi dwar l-iskart mill-industrija tad-dijossidu tat-titanju	Thejijja mill-ġdid	L-għan huwa li t-tliet Direttivi eżistenti dwar l-iskart mill-industrija tad-diossidu tat-titanju jingħaqdu f'waħda (78/176/KEE, 82/883/KEE, 92/112/KEE) u li jthassru dispożizzjonijiet skaduti, billi jinżamm l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali.
Żvilupp tas-Sistema dwar l-Infommazzjoni Ambjentali Kondiviża (SEIS)	Komunikazzjoni/thejijja mill-ġdid	Il-Komunikazzjoni li telenka l-viżjoni, l-għanijiet, l-azzjonijiet u l-iskeda għall-iżvilupp tas-Sistema dwar l-Infommazzjoni Ambjentali Kondiviża. Ser tkun akkumpanjata minn proposti leġiżlattivi xierqa biex jiġi razzjonalizzat ir-rappurtaġġ ambjentali. Ser tħabbar miżuri ta' simplifikazzjoni għar-rappurtaġġ ambjentali li għandhom jiġu ppreżentati fl-2007.
It-thejijja mill-ġdid tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni taż-żgħar ta' organiżmi tal-baħar	Thejijja mill-ġdid	Reviżjoni ewlenija ta' miżuri tekniċi attwali biex titnaqqas il-kumplessità u l-għadd tagħhom, tisħiħ tal-konsistenza u jkun hemm proċeduri aktar sempliċi biex ikunu jistgħu jsiru aġġornament u reviżjoni aktar tard. Ser jiġu stabbiliti aktar miżuri tekniċi ta' infurzar b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati.
Proposti leġiżlattivi ġodda li jemendaw il-qafas regolatorju għal networks u servizzi ta'	Reviżjoni	L-għan ewleni tal-proposti leġiżlattivi huwa li titjieb il-kapaċità tal-qafas attwali biex jilħaq l-għanijiet inizjali tiegħu billi jiġu proposti adattamenti li jqisu l-esperjenza attwali u t-tibdiliet teknoloġiċi u previsti fis-suq fil-ġejjieni. Il-ħolqien ta' suq

komunikazzjonijiet elettroniċi		wieħed kompetittiv għal servizzi u networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Ewropa bl-għan aħħari li jkun hemm benefiċċji għaċ-ċittadini.
Revoka tad-Deċiżjoni 2003/548/KE Deċiżjoni dwar linji mikrija	Revoka	M'hemmx hteġa ta' ġustifikazzjoni għall-obbligu ta' servizzi speċifiċi bl-imnut. Fil-konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni ta' l-2006, qed jiġi propost li l-kunċett jitneħħa kollu kemm hu b'emenda leġiżlattiva tad-Direttiva tas-Servizz Universali.
Revoka tad-Direttiva 87/372/KE dwar meded ta' frekwenza li għandhom ikunu riservati għall-komunikazzjonijiet mobbli ċellulari diġitali bbażati fuq il-frekwenzi	Revoka	Inizjattiva politika marbuta ma' azzjonijiet preċedenti fil-politika ta' l-ispektrum tar-radju. Meded ta' estensjoni WAPECS, IMT2000, aġenda politika delineata f'COM(2005)411 Deċiżjoni ġdida tal-Kummissjoni wara d-Deċiżjoni 676/2002/KE għandha tirregola l-użu tal-frekwenza 900 MHz fl-UE.
Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 2195/2002 dwar il-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti (CPV)	Reviżjoni	L-għan huwa li jsir aġġornament u reviżjoni tar-Regolament eżistenti tal-Kummissjoni (wara konsultazzjonijiet immirati u ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati). L-aġġornament tar-Regolament CPV huwa meħtieġ biex tinżamm sistema ta' akkwist pubbliku effiċjenti u sempliċi li tapplika faċilment kemm għall-fornituri kif ukoll għal min jagħmel l-offerta.
Proposta għal Direttiva dwar il-likwidità ta' kumpaniji ta' l-assigurazzjoni (Likwidità II)	Thejijja mill-ġdid	Kumpaniji ta' l-assigurazzjoni qed jiffaċċjaw kompetizzjoni dejjem ikbar, konverġenza bejn is-setturi finanzjarji u dipendenza internazzjonali. F'konformità ma' żviluppi simili fis-settur bankarju u wara żviluppi internazzjonali fil-likwidità, ġestjoni ta' riskju u awditjar, ir-reġim ġdid tal-likwidità għandu l-għan li jħares lit-titolari tal-poloż u l-benefiċjarji. Għandu jsaħħaħ il-kompetittività ta' l-assiguraturi ta' l-UE u jipprovi allokkazzjoni aħjar tar-riżorsi kapitali, mingħajr ma jinħoloq tfixkil sinifikanti fis-suq u l-innovazzjoni ta' l-industrija ta' l-assigurazzjoni.
Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 258/97 dwar l-ikel ġdid	Thejijja mill-ġdid	Reviżjoni tar-Regolament dwar l-ikel ġdid hija meħtieġa biex tiċċara l-leġiżlazzjoni wara t-tneħħija ta' l-ikel GM mill-ambitu, toħloq ambjent aktar favorevoli għall-innovazzjoni għall-industrija ta' l-ikel u tiffaċilita l-kummerċ intern u estern. Dan għandu: - Jagħmel iktar iebsa u jirrazzjonalizza l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għal ikel ġdid u hekk jagħmilha aktar prevedibbli għall-applikanti. - Ifassal l-evalwazzjoni tas-sigurtà għal tipi differenti ta' ikel billi jippermetti ikel bi storja ta' sigurtà użat barra l-UE biex jidħol fl-UE aktar faċilment milli fil-preżent. - Lqis t-teknoloġiji ġodda b'impatt fuq l-ikel (per eżempju n-nanoteknoloġija, il-klonazzjoni ta' annimali).
Reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-ittikkettar ta' għalf u proċedura ta' awtorizzazzjoni/irtirar ta' materjali ta' l-għalf (direttivi 79/373/KEE, 96/25/KE, 82/471/KEE u 93/74/KEE)	Thejijja mill-ġdid	Tfassil mill-ġdid, modernizzar u tibdil tad-Direttivi 79/373/KEE, 96/25/KE, 82/471/KEE u 93/74/KEE biex jemendaw ir-rekwiżiti eżistenti dwar l-ittikkettar ta' l-għalf, biex jestendu l-lista mhux esklussiva ta' materjali ta' l-għalf u biex il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni jinġabu konformi mal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet stipulati fil-Liġi Ġenerali dwar l-ikel.
Reviżjoni tar-Regolament eżistenti dwar l-ittikkettar ġenerali ta' ikel u nutrizzjoni	Reviżjoni u revoka	L-għan ewlieni huwa l-aġġornament tar-regoli attwali dwar l-ittikkettar ġenerali ta' l-ikel u n-nutrizzjoni, billi titqies l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tad-Direttivi 2000/13/KE u 1990/496/KEK. Hemm il-meħtieġa li jkun assigurat li hemm leġiżlazzjoni li tilqa' l-ħtiġijiet tal-konsumaturi, m'hijiex ta' piż żejjed għall-industrija, u li tista' tadatta ruħha għas-suq li

		qed jinbidel kontinwament. Din teħtieġ approċċ ġdid li jilħaq bilanċ bejn il-flessibilità u l-preskrizzjoni u bejn l-azzjoni fil-livell nazzjonali u ta' l-UE. Ir-Regolament propost ser jirrevoka d-Direttivi msemmija hawn fuq u ser jiċċara u jissimplifika l-liġijiet dwar it-tikkettar ta' ikel ġenerali u nutrizzjoni.
Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-kummerċjalizzjoni ta' materjal ta' tnissil tal-pjanti tal-frott u pjanti tal-frott intiżi għall-produzzjoni tal-frott.	Thejijja mill-ġdid	Thejijja mill-ġdid tad-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE. L-emendi jirrigwardaw inter alia definizzjoni ġdida ta' kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll miżuri tekniċi li ser jiġu adottati bbażati fuq evalwazzjoni xierqa u fuq progress tekniċu u xjentifiku. Żewġ għanijiet biex jiġu identifikati: Li jiġi ċċarat u simplifikat il-qafas regolatorju li fih jopera l-kummerċ. Li titjieb il-leġiżlazzjoni bbażata fuq progress tekniċu u xjentifiku u għall-ambjent ġdid ta' kummerċjalizzazzjoni konformi mal-CAP ġdid.
Reviżjoni tad-Direttiva tat-Timeshare (94/47/KE)	Reviżjoni	L-għan huwa li titjieb iċ-ċertezza legali għall-konsumaturi minħabba li l-istess regoli ser japplikaw għall-prodotti kollha tal-vaganzi f'medda ta' żmien twil. Ambjent ġust u uguali għall-kummerċ minħabba li l-kummerċjanti li jikkummerċjalizzaw u jbiegħu prodotti ġodda fis-suq ser ikollhom josservaw l-istess regoli bħala "timeshare klassiku". L-aġġornament tal-lista tar-rekwiżiti għall-prospektus u l-kuntratt ser iġibu modernizzazzjoni. L-ambitu huwa estiż biex jinkludi fid-Direttiva prodotti oħra tal-vaganzi f'medda twila ta' żmien li żviluppaw mill-adozzjoni tad-Direttiva attwali.
Regoli ta' Orġini (ibbażati fuq il-Kodiċi Doganali tal-Komunità)	Thejijja mill-ġdid	Il-Kummissjoni beħsiebha tissimplifika r-regoli ta' l-orġini billi tipproponi regoli ġodda li jiddeterminaw il-pożizzjoni fin-negozjar dwar il-GSP kif ukoll fil-kuntest tal-Ftehimiet ġodda dwar Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi ACP.
Modernizzar tad-dispożizzjonijiet tal-VAT dwar is-servizzi finanzjarji inkluża l-assigurazzjoni	Reviżjoni	Id-dispożizzjonijiet attwali huma skaduti u jeħtieġ li għall-inqas jiġu modernizzati. L-ambjent legali u regolatorju globali li fih topera l-industrija ma jżommx il-pass ma' l-evoluzzjoni ta' l-industrija u huwa konfliġġenti mal-preġudizzju lejn l-integrazzjoni vertikali. Il-kumpaniji għalhekk jinżammu lura milli jkompli jtejbju l-istrutturi ekonomiċi u legali tagħhom biex iżidu l-kompetittività tagħhom. It-tidbillet għandhom ixaqilbu lejn l-immodernizzar tar-regoli, billi tiġi assicurata l-konsistenza tagħhom ma' l-għanijiet stabbiliti tal-politika u titnaqqas il-ħtieġa li tinkiseb kjarifika permezz ta' litigazzjoni.
Reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u monitoraġġ ta' dan it-tip ta' prodotti	Thejijja mill-ġdid	Simplifikazzjoni u mmodernizzar tar-rekwiżiti u l-kompjuterizzazzjoni ta' proċeduri permezz ta' - immodernizzar u simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva fejn possibbli - integrazzjoni fid-deċizzjonijiet tad-direttivi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kif ukoll linji gwida tal-kumitat tas-sisa - adattament tad-direttiva biex tappoġġja l-kompjuterizzazzjoni tal-proċeduri għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tat-taxxa tas-sisa (il-proġett EMCS)
Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1334/2000 tat-22 ta' Ġunju 2000 li jstabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll ta' oġġetti u teknoloġija li għandhom użu doppju	Thejijja mill-ġdid	Il-proposta tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, u tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi. Numru ta' miżuri ser jissimplifikaw ix-xogħol ta' l-amministrazzjonijiet tal-Komunità, pereżempju sistema mtejbja ta' tqassim taċ-ċaħdiet billi tintuża <i>template</i> ipprovduta mill-Kummissjoni, proċedura ta' komitoloġija għall-bidliet fl-annessi u għall-adozzjoni ta' linji gwida; u x-xogħol ta' entitajiet privati, bħall-adozzjoni ta' l-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni tar-Regolament, l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' l-użu ta' awtorizzazzjoni ta' l-esportazzjoni u l-format tagħhom, sistemi elettroniċi għall-immaniġġjar ta' l-applikazzjonijiet tal-liċenzji.

Tfassil mill-ġdid tad-Direttivi 96/26/KE u 98/76/KE tal-kundizzjonijiet tad-dħul fl-impjieg ta' operaturi ta' trasport stradali ta' merkanzija u trasport ta' passiġġieri	Thejijja mill-ġdid	L-għan huwa li tiġi assicurata l-applikazzjoni armonizzata tar-regoli, ikun hemm ftehim ċar ta' dak li hu mitlub, jinżamm ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki, jiġi protett id-dritt ta' l-istabbiliment, jiġi razzjonalizzat is-suq u titjeb il-kwalità tas-servizz u tas-sigurtà fit-toroq. L-emendar tar-regoli eżistenti għandu jsaħħaħ, jiċċara u jissimplifika l-applikazzjoni tat-tliet kriterji ta' kwalità ta' reputazzjoni tajba, status finanzjarju u kompetenza professjonali, li bihom l-operaturi jidħlu fl-impjieg.
Tfassil mill-ġdid tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq tat-trasport fit-triq (Regolamenti (KE) 881/92, 684/92, 3118/93, 12/98 u 484/2002)	Thejijja mill-ġdid	L-għan huwa li tiġi assicurata l-applikazzjoni armonizzata tar-regoli, ikun hemm ftehim ċar ta' dak li hu mitlub, jiġi protett id-dritt ta' l-istabbiliment, jiġi razzjonalizzat is-suq u titjeb il-kwalità tas-servizz u tas-sigurtà fit-toroq. L-emendar tar-regoli eżistenti biex jissaħħaħ, jiġi ċċarat u simplifikat l-aċċess għas-suq, kundizzjonijiet għall-kabotaġġ u l-applikabilità taċ-ċertifikat tas-sewqan għas-sewwieqa ta' l-UE.
Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 2299/89 dwar kodiċi ta' kondotta għal sistemi ta' riserva kompjuterizzati	Reviżjoni	Ir-Regolament (KE) Nru 2299/89 ġie adottat f'kuntest tas-suq fejn kważi l-prenotazzjonijiet kollha bl-ajru saru permezz ta' sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata (CRS) u fejn ħafna mis-CRS kienu ta' proprjetà u kontrollati mil-linji ta' l-ajru. Bid-divestiment tal-linji ta' l-ajru u l-iżvilupp ta' prenotazzjonijiet interni, il-kuntest tas-suq inbidel u r-regolament issa jidher li qed ifixxkel it-tħaddim effiċjenti tas-suq: reviżjoni tar-regolament hija meħtieġa. L-għan politiku ewlieni huwa li tiżdied l-effiċjenza tas-suq billi jingħata iktar spazju lill-forzi tas-suq. Iktar kompetizzjoni fis-settur għandha tagħmilha possibbli li titjeb il-kwalità tas-servizzi offruti u jitnaqqsu l-ispejjeż ta' distribuzzjoni fis-settur tat-trasport bl-ajru. Fl-istess ħin, ser tingħata konsiderazzjoni bir-reqqa lill-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni potenzjali u ser tiġi studjata l-ħtieġa ta' regoli ta' ħarsien speċifiċi għas-settur.

(47 inizjattiva)

IRTIRAR TA' PROPOSTI PENDENTI

Titolu	numru COM/SEC	Ġustifikazzjoni
Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej	COM(2004) 501/1	Skaduta u mibdula bil-Proposta 2006 għal Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji u d-dokument ta' ħidma relatat tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjoni tar-Renju Unit [COM(2006) 99], li timplimenta l-konklużjonijiet ta' Diċembru 2005 tal-Kunsill Ewropew fil-qasam tar-riżorsi proprji.
Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-korrezzjoni ta' l-iżbilanċi fil-baġit skond l-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej	COM(2004) 501/2	Ara fuq
Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bil-għan li tingħata twissija bikrija lill-Italja għall-prevenzjoni ta' żbilanċ eċċessiv	SEC(2004) 485	Din ir-rakkomandazzjoni tista' tiġi rtirata, minħabba li l-Kunsill iddeċieda li ma jadottahix (ebda adozzjoni mill-Kunsill 5/07/2004).
Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata mill-Komunità fi ħdan l-ACP-KE Kunsill tal-Ministri dwar l-emenda tad-Deċiżjoni Nru 1/2003 ta' l-ACP-KE Kunsill tal-Ministri tas-16 ta' Mejju 2003 dwar id-dħul tar-Repubblika Demokratika ta' Timor-Leste fil-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE	COM (2004) 609	Il-proposta COM(2005)51/finali 2-2 hija minflok u tħassar din il-proposta dwar id-dħul ta' Timor-Leste fid-9 EDF.
Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tirranġa r-riżorsi finanzjarji tad-9 Fond Ewropew ta' Żvilupp wara d-dħul tar-Repubblika Demokratika ta' Timor-Leste fil-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE	COM (2004) 610	Il-proposta COM(2005)51/finali hija minflok u tħassar din il-proposta dwar l-ammont finanzjarju.
Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill biex titjeb il-kooperazzjoni bejn il-pulizija u s-servizzi tas-sigurtà fil-ġlieda kontra t-terroriżmu	COM (2005) 695	Meta jitqies li ċ-Ċentru ta' Sitwazzjoni fil-Kunsill saħħaħ "de facto" ir-rwol tiegħu bħala punt fokali fil-livell Ewropew għall-ġbir ta' informazzjoni mis-servizzi ta' sigurtà, u li aġixxa fuq il-mekkaniżmi eżistenti tiegħu biex isir skambju ta' informazzjoni mal-Europol, biex b'mod partikolari l-punti previsti ta' kuntatt nazzjonali ma jaqdux aktar il-funzjoni tagħhom, il-Kummissjoni issa tqis li leġislazzjoni m'għadhiex neċessarja u bidlet l-approċċ tagħha. Dan ġie konfermat mir-reazzjonijiet negattivi li l-proposta rċeviet mill-Kunsill u l-Parlament. Il-proposta għalhekk saret skaduta.
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-	COM (2004) 103	Mibdula bi proposta ġdida, adottata mill-Kummissjoni f'Mejju 2006 (kif ukoll l-emenda tar-Regolament 1074/1999, ara l-punt li ġej).

Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)		
Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (Euratom) Nru 1074/1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)	COM (2004) 104	Mibdula bi proposta għida, adottata mill-Kummissjoni f'Mejju 2006 (kif ukoll l-emenda tar-Regolament 1073/1999, ara l-punt preċedenti).
Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KE minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja.	COM (2004) 295	Skaduta: Il-kontenut ta' din il-proposta għie revokat mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/18/KE tat-22/02/2006.
Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Repubblika Ċeka u l-Polonja biex japplikaw rata mnaqqsata tal-VAT fuq ċerti servizzi li jinvolvu xogħol intensiv skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 28(6) u (7) tad-Direttiva 77/388/KEE	COM (2004) 296	Skaduta: Il-kontenut ta' din il-proposta għie revokat mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/18/KE tat-22/02/2006.

(10 inizjattivi)

PRIJORITAJIET TAL-KOMUNIKAZZJONI GĦALL-2007

Il-lista li ġejja ta' prijoritajiet ta' komunikazzjoni huma magħżula fuq il-bażi tal-prijoritajiet politiċi, l-aktar kif definiti fil-CLWP 2007 u r-riċerka u l-analiżi ta' l-opinjoni pubblika u l-monitoraġġ tal-midja:

Prosperità (Tkabbir u Impjiegi):

- Edukazzjoni: 20 sena tal-Programm Erasmus
- Riċerka u Innovazzjoni, inklużi l-EIT u l-ERC
- Evalwazzjoni tas-Suq Wieħed
- Evalwazzjoni ta' l-Enerġija għall-Ewropa
- "Flessigurtà"
- Immigrazzjoni
- Regolamentazzjoni Mtejba u simplifikazzjoni

Solidarjetà:

- Analiżi tar-realtà soċjali
- Koeżjoni u żvilupp rurali (2007-2013)
- Protezzjoni ambjentali
- Sena Ewropea ta' l-opportunitajiet indaqs
- Tħejjijiet għas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali fl-2008

Sigurtà u Libertà:

- Ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu
- Kontroll tal-fruntieri

L-Ewropa fid-dinja:

- Tkabbir
- Politika ta' Viċinat
- Strateġija dwar l-aċċess fis-Suq

Futur ta' l-Ewropa:

- Pjan D u d-dibattitu kostituzzjonali
- Il-50 Anniversarju tat-Trattati ta' Ruma